Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0155(COD)

30.5.2023

EMENDI
1333 - 1718

Abbozz ta' rapport
Javier Zarzalejos
(PE746.811v01-00)

L-istabbiliment ta' regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan

Proposta għal regolament
(COM(2022)0209 – C9-0174/2022 – 2022/0155(COD))

Emenda 1333
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
20 Id-dritt ***tal-vittmi*** għall-informazzjoni	20 Id-dritt ***tas-superstiti*** għall-informazzjoni ***u għall-appoġġ***

Or. en

Emenda 1334
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dritt tal-vittmi għall-informazzjoni	Id-dritt tal-vittmi għall-informazzjoni ***u għall-appoġġ***

Or. en

Emenda 1335
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dritt ***tal-vittmi*** għall-informazzjoni	Id-dritt ***tas-superstiti*** għall-informazzjoni

Or. en

Emenda 1336
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn ***jirrisjedu***, informazzjoni ***dwar*** kwalunkwe każ ***li fih*** id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***dwar l-abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru ***fiha*** tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.	***Il-vittmi ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ospitat jew disseminat fl-Unjoni jew ir-rappreżentanti tagħhom u persuni*** fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn ***ikunu jinsabu jew Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-għażla tagħhom***, informazzjoni ***li tinftiehem u aċċessibbli faċilment rigward*** kwalunkwe każ ***magħruf fejn*** id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***ta' abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru ***fih*** tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. ***Id-dritt għandu jkopri kemm informazzjoni okkażjonali kif ukoll informazzjoni perjodika.*** Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom. ***L-informazzjoni inkwistjoni għandha tingħata fil-lingwa indikata minn dik il-persuna.***

Or. en

Emenda 1337
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni dwar kwalunkwe każ ***li fih*** id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***dwar l-abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru ***fiha*** tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu	***Kwalunkwe superstiti, inklużi superstiti tfal u, wara li jinkiseb il-kunsens tat-tfal, ġenitur ta' superstiti tfal jew ir-rappreżentant legali tagħhom,*** li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni ***adattata għall-età*** dwar kwalunkwe każ

jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.	***fejn*** id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***ta' abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru ***fih*** tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12 ***u jsir riferiment lis-servizzi ta' appoġġ***. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.

Or. en

Emenda 1338
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni dwar kwalunkwe każ ***li fih*** id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***dwar l-abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru ***fiha*** tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.	Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni dwar kwalunkwe każ ***fejn*** id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***ta' abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru ***fih*** tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom. ***L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-persuni li jitolbuha b'mod kunfidenzjali, li jinftiehem faċilment u aċċessibbli.***

Or. en

Emenda 1339
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu	***Vittmi ta' abbuż*** li jirrisjedu fl-Unjoni

jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni dwar kwalunkwe każ ***li fih*** id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***dwar l-abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru ***fiha*** tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.	għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni dwar kwalunkwe każ ***fejn*** id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***ta' abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru ***fih*** tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom ***minn persunal imħarreġ b'mod adegwat għal tali kompitu delikat***.

Or. en

Emenda 1340
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni ***dwar*** kwalunkwe każ ***li fih*** id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***dwar l-abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru ***fiha*** tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.	***Vittmi*** li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni ***u r-riferiment għal appoġġ fir-rigward ta'*** kwalunkwe każ ***fejn*** id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***ta' abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru ***fih*** tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.

Or. en

Emenda 1341
Carles Puigdemont i Casamajó

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni dwar kwalunkwe każ ***li fih*** id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***dwar l-abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru ***fiha*** tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.	***Vittmi*** li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni dwar kwalunkwe każ ***fejn*** id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***ta' abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru ***fih*** tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.

Or. en

Emenda 1342
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tiżgura li s-superstiti, inklużi s-superstiti tfal u l-ġenituri tat-tfal superstiti, jiġu infurmati dwar is-servizzi ta' appoġġ għas-superstiti fejn is-supersiti jkunu jistgħu jirċievu informazzjoni u appoġġ adatti għall-età u sensittivi għall-ġeneru.

Or. en

Emenda 1343
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tibgħat it-talba liċ-Ċentru tal-UE permezz	Dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tibgħat it-talba liċ-Ċentru tal-UE permezz

tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39(2) u għandha tikkomunika r-riżultati riċevuti miċ-Ċentru tal-UE ***lill-persuna*** li tagħmel it-talba.	tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39(2) u għandha tikkomunika r-riżultati riċevuti miċ-Ċentru tal-UE ***lill-vittma*** li tagħmel it-talba.

Or. en

Emenda 1344
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-vittmi ta' abbuż sesswali tat-tfal jew ir-rappreżentanti tagħhom u l-persuni li jgħixu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni informazzjoni rigward id-drittijiet tal-vittma, kif ukoll dwar appoġġ u assistenza.L-informazzjoni għandha tkun adatta għall-età, aċċessibbli u sensittiva għall-ġeneru u għandha tinkludi bħala minimu:
	(a) it-tip ta' appoġġ li jistgħu jiksbu u mingħand min, inkluż, meta rilevanti, informazzjoni bażika dwar l-aċċess għal appoġġ mediku, kwalunkwe appoġġ speċjalizzat, inkluż appoġġ psikoloġiku jew soċjali, u akkomodazzjoni alternattiva;
	(b) il-proċeduri biex jagħmlu lmenti fir-rigward ta' reat kriminali u r-rwol tagħhom b'rabta ma' tali proċeduri;
	(c) kif u taħt liema kundizzjonijiet jistgħu jiksbu protezzjoni, inklużi miżuri ta' protezzjoni;
	(d) kif u taħt liema kundizzjonijiet jista' jkollhom aċċess għal parir legali, għajnuna legali u kwalunkwe tip ieħor ta' pariri;
	(e) kif u taħt liema kundizzjonijiet jista'

jkollhom aċċess għal kumpens;

(f) kif u taħt liema kundizzjonijiet huma intitolati għal interpretazzjoni u traduzzjoni.

Or. en

Emenda 1345
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. F'każ li vittma jew rappreżentant tal-vittma jindikaw il-preferenza għal talba perjodika, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha kull ġimgħa tissottometti, mingħajr dewmien, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 b'mod proattiv lil min jagħmel it-talba wara l-ewwel tweġiba mressqa, fi kwalunkwe każ ġdid ta' rapporti msemmija fil-paragrafu 1. Il-vittmi jew ir-rappreżentanti tal-vittmi jistgħu jtemmu t-talba perjodika fi kwalunkwe ħin billi jinnotifikaw lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni inkwistjoni.

Or. en

Emenda 1346
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn applikabbli, l-individwu jew l-entità li għandha tirċievi l-informazzjoni	(b) fejn applikabbli, l-individwu jew l-entità li ***jassistu jew li jirrappreżentaw formalment lill-persuna li*** għandha tirċievi

f'isem il-persuna li tagħmel it-talba;	l-informazzjoni f'isem il-persuna li ***tkun qed tagħmel it-talba, bi prova verifikabbli tal-approvazzjoni tal-persuna li tkun qed*** tagħmel it-talba;

Or. en

Emenda 1347
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) elementi ***suffiċjenti sabiex tintwera l-identità tal-persuna li*** tagħmel it-talba***.***	(c) ***biżżejjed*** elementi ***biex jiġi vverifikat li l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal inkwistjoni jaqbel mal-persuna li tkun qed*** tagħmel it-talba***;***

Or. en

Emenda 1348
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) indikazzjoni dwar jekk it-talba hijiex okkażjonali jew jekk tkoprix ċertu perjodu ta' żmien.

Or. en

Emenda 1349
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jekk il-fornitur ikunx irrapporta li ***jkun*** neħħa ***jew kellu aċċess b'diżabilità għall-materjal***, f'konformità mal-Artikolu 13(1), il-punt (i)***.***	(d) jekk il-fornitur ikunx irrapporta li neħħa ***l-materjal jew li l-aċċess għalih ġie diżattivat***, f'konformità mal-Artikolu 13(1), il-punt (i)***, u f'dak il-każ kull informazzjoni relatata;***

Or. en

Emenda 1350
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jekk il-fornitur ikunx irrapporta li jkun neħħa ***jew kellu aċċess b'diżabilità għall-materjal***, f'konformità mal-Artikolu 13(1), il-punt (i).	(d) jekk il-fornitur ikunx irrapporta li jkun neħħa ***l-materjal***, f'konformità mal-Artikolu 13(1), il-punt (i).

Or. en

Emenda 1351
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) informazzjoni rigward servizzi ta' appoġġ għas-superstiti adatti għall-età u sensittivi għall-ġeneru biex it-tfal, il-familja u s-superstiti jingħataw appoġġ emozzjonali u psikosoċjali adegwat kif ukoll assistenza prattika u legali.

Or. en

Emenda 1352
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jekk kienx hemm appelli għal tali tneħħija, u f'dak il-każ, l-informazzjoni kollha relatata

Or. en

Emenda 1353
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) informazzjoni rilevanti adatta għall-età, aċċessibbli u sensittiva għall-ġeneru dwar l-appoġġ u l-assistenza għall-vittmi fir-reġjun tal-vittma.

Or. en

Emenda 1354
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dritt ***tal-vittmi*** għall-assistenza u għall-appoġġ għat-tneħħija	Id-dritt ***tas-superstiti*** għall-assistenza u għall-appoġġ għat-tneħħija

Or. en

Emenda 1355
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dritt ***tal-vittmi*** għall-assistenza u għall-appoġġ għat-tneħħija	Id-dritt ***tas-superstiti*** għall-assistenza u għall-appoġġ għat-tneħħija

Or. en

Emenda 1356
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jipprovdu assistenza raġonevoli, fuq talba, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li jkunu jixtiequ li l-fornitur ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-kompitu jirrikjedi li l-vittmi jiġu ttrattati, iżda l-fornituri mhumiex imħarrġa biex jagħmlu dan.

Emenda 1357
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 21 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jipprovdu assistenza raġonevoli, fuq talba, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li ***jkunu jixtiequ*** li l-fornitur ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih.	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jipprovdu assistenza raġonevoli, fuq talba, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li ***jfittxu*** li l-fornitur ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ***jew ġdid*** ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih ***ikkomplementata b'mod f'waqtu u, jekk possibbli u xieraq, mil-lista ta' indikaturi, kif ukoll inkluża fiha, liema indikaturi jintużaw għall-prevenzjoni tad-disseminazzjoni ulterjuri ta' dawn l-oġġetti u mressqa lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni f'konformità mal-Artikolu 36***.

Or. en

Emenda 1358
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 21 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jipprovdu assistenza ***raġonevoli***, fuq talba, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li jkunu jixtiequ li l-fornitur ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih.	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jipprovdu assistenza ***adegwata***, fuq talba, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li jkunu jixtiequ li l-fornitur ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih. ***L-assistenza għandha tiġi pprovduta minn persunal imħarreġ speċifikament biex jinteraġixxi mal-vittmi ta' abbużi serji.***

Or. en

Emenda 1359
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 21 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ***ta' hosting*** għandhom jipprovdu assistenza raġonevoli, fuq talba, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li jkunu jixtiequ li l-fornitur ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih.	1. Il-fornituri ta' servizzi ***rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni*** għandhom jipprovdu assistenza raġonevoli, fuq talba, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li jkunu jixtiequ li l-fornitur ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih.

Or. en

Emenda 1360
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 21 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jipprovdu assistenza raġonevoli, fuq talba, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li jkunu jixtiequ li l-fornitur ineħħi ***jew jiddiżattiva l-aċċess għal*** oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih.	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jipprovdu assistenza raġonevoli, fuq talba, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li jkunu jixtiequ li l-fornitur ineħħi oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih.

Or. en

Emenda 1361
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kull Stat Membru għandu jiżgura l-funzjonament tal-hotlines, inkluż permezz ta' finanzjament u bini tal-kapaċitajiet, sabiex il-vittmi u l-familji tagħhom jirċievu appoġġ f'waqtu mill-awtorità kompetenti.

Or. en

Emenda 1362
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna***,*** appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta ***dawn ikunu jixtiequ*** li fornitur ta' servizzi ta' hosting ***ineħħi jew jiddiżattiva*** l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.	***Il-vittmi ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ospitat jew disseminat fl-Unjoni jew ir-rappreżentanti tagħhom jew persuni*** li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna ***jew l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-għażla tagħhom, informazzjoni xierqa għall-età u sensittiva għall-ġeneru dwar l-appoġġ għat-tneħħija, inkluż*** appoġġ ***minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, hotlines u*** miċ-Ċentru tal-UE meta ***jfittxu*** li fornitur ta' servizzi ta' hosting ***jew servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri disponibbli pubblikament ineħħu jew jiddiżattivaw*** l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.

Or. en

Emenda 1363
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ***ikunu jixtiequ*** li fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.	***Il-vittmi*** li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ***ifittxu*** li fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih ***filwaqt li jitqiesu l-vulnerabbiltajiet tal-persuna li tidher fih***. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom. ***Il-professjonisti kollha li x'aktarx jiġu f'kuntatt ma' tfal vittmi ta' abbuż sesswali online għandhom ikunu mħarrġa b'mod adegwat u kapaċi jagħrfu u jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi.***

Or. en

Emenda 1364
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ***ikunu jixtiequ*** li fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi ***jew jiddiżattiva l-aċċess għal*** oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.	Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ***ifittxu*** li fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom. ***L-informazzjoni għandha tiġi***

pprovduta lill-persuni li jitolbuha b'mod kunfidenzjali, li jinftiehem faċilment u aċċessibbli.

Or. en

Emenda 1365
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi ***l-persuna***, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ***ikunu jixtiequ*** li fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.	***Il-vittmi*** li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi ***l-vittma***, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ***ifittxu*** li fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.

Or. en

Emenda 1366
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni	Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni

dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ***ikunu jixtiequ*** li fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi ***jew jiddiżattiva l-aċċess għal*** oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.	dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ***ifittxu*** li fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.

Or. en

Emenda 1367
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ***ikunu jixtiequ*** li fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi ***jew jiddiżattiva l-aċċess għal*** oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.	Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ***ifittxu*** li fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.

Or. en

Emenda 1368
Alessandra Mussolini

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(1) L-Istati Membri għandhom jipprevedu fond ta' appoġġ għall-vittmi ta' abbuż. Tali fond għandu jipprovdi assistenza legali u għandu jiġi attivat biss wara li ċ-Ċentru tal-UE jkun ta prova ta' ksur effettiv skont is-sens tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

Or. it

Emenda 1369
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-talbiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jindikaw l-oġġett jew l-oġġetti rilevanti ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.	3. It-talbiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jindikaw l-oġġett jew l-oġġetti rilevanti ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti***.

Or. en

Emenda 1370
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-verifika ta' jekk il-fornitur ikunx neħħa ***jew iddiżattivax l-aċċess għal*** dak l-oġġett jew ***għal*** dawk l-oġġetti, inkluż billi jwettaq it-tfittxijiet imsemmijin fl-Artikolu 49(1);	(b) il-verifika ta' jekk il-fornitur ikunx neħħa dak l-oġġett jew dawk l-oġġetti, inkluż billi jwettaq it-tfittxijiet imsemmijin fl-Artikolu 49(1);

Or. en

Emenda 1371
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-verifika ta' jekk il-fornitur ikunx neħħa ***jew iddiżattivax l-aċċess għal*** dak l-oġġett jew ***għal*** dawk l-oġġetti, inkluż billi jwettaq it-tfittxijiet imsemmijin fl-Artikolu 49(1);	(b) il-verifika ta' jekk il-fornitur ikunx neħħa dak l-oġġett jew dawk l-oġġetti, inkluż billi jwettaq it-tfittxijiet imsemmijin fl-Artikolu 49(1);

Or. en

Emenda 1372
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fejn neċessarju, l-informar lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment dwar il-preżenza ta' dak l-oġġett jew ta' dawk l-oġġetti fuq is-servizz, bil-ħsieb li tinħareġ ordni ta' tneħħija skont l-Artikolu 14**.**	(d) fejn neċessarju, l-informar lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment dwar il-preżenza ta' dak l-oġġett jew ta' dawk l-oġġetti fuq is-servizz ***tal-fornitur***, bil-ħsieb li tinħareġ ordni ta' tneħħija skont l-Artikolu 14 ***u l-obbligi skont l-Artikolu 21;***

Or. en

Emenda 1373
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittma, kif ukoll assistenza u appoġġ skont l-Artikolu 21.

Or. en

Emenda 1374
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Dritt li jitressaq ilment quddiem awtorità superviżorja
	1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, kull utent għandu jkollu d-dritt li jressaq ilment quddiem awtorità superviżorja, b'mod partikolari fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu, tal-post tax-xogħol tiegħu jew tal-post fejn ikun seħħ l-allegat ksur, jekk l-utent iqis li l-ipproċessar tad-data personali relatata miegħu jikser dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) 2016/679.
	2. L-awtorità superviżorja li quddiemha jkun tressaq l-ilment għandha tinforma lill-ilmentatur dwar il-progress u l-eżitu tal-ilment inkluża l-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju skont l-Artikolu 21b.

Or. en

Emenda 1375
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 21b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21b
	Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornituri ta' servizz ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri
	1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju disponibbli, inkluż id-dritt li jitressaq ilment quddiem awtorità superviżorja skont 21a, kull utent għandu jkollu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv meta jqis li d-drittijiet tiegħu skont dan ir-Regolament ikunu nkisru bħala riżultat tal-ipproċessar tad-data personali tiegħu f'nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament jew mar-Regolament (UE) 2016/679.
	2. Il-proċedimenti kontra fornitur ta' servizz ta' hosting jew fornitur ta' servizz tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għandhom jitressqu quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn il-fornitur ikollu stabbiliment. Alternattivament, tali proċedimenti jistgħu jitressqu quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn l-utent ikollu r-residenza abitwali tiegħu.

Or. en

Emenda 1376
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' ***komunikazzjoni*** interpersonali għandhom jippreservaw id-data dwar il-kontenut u data oħra	Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' ***komunikazzjonijiet*** interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jippreservaw id-data dwar il-

proċessata b’rabta mal-miżuri meħudin għall-konformità ma’ dan ir-Regolament u d-data personali ġġenerata permezz ta’ tali pproċessar, għal wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin biss, kif applikabbli:

kontenut u data oħra proċessata b’rabta mal-miżuri meħudin għall-konformità ma’ dan ir-Regolament u d-data personali ġġenerata permezz ta’ tali pproċessar, għal wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin biss, kif applikabbli:

Or. en

Emenda 1377
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-forniturі ta’ servizzi ta’ hosting u l-forniturі ta’ servizzi ta’ ***komunikazzjoni*** interpersonali għandhom jippreservaw id-data dwar il-kontenut u data oħra proċessata b’rabta mal-miżuri meħudin għall-konformità ma’ dan ir-Regolament u d-data personali ġġenerata permezz ta’ tali pproċessar, għal wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin biss, kif applikabbli:	Il-forniturі ta’ servizzi ta’ hosting u l-forniturі ta’ servizzi ta’ ***komunikazzjonijiet*** interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jippreservaw id-data dwar il-kontenut u data oħra proċessata b’rabta mal-miżuri meħudin għall-konformità ma’ dan ir-Regolament u d-data personali ġġenerata permezz ta’ tali pproċessar, għal wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin biss, kif applikabbli:

Or. en

Emenda 1378
René Repasi, Tiemo Wölken
f’isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f’isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-forniturі ta’ servizzi ta’ hosting u l-forniturі ta’ servizzi ta’ ***komunikazzjoni*** interpersonali għandhom jippreservaw id-	Il-forniturі ta’ servizzi ta’ hosting u l-forniturі ta’ servizzi ta’ ***komunikazzjonijiet*** interpersonali ***indipendenti min-numri***

data dwar il-kontenut u data oħra proċessata b'rabta mal-miżuri meħudin għall-konformità ma' dan ir-Regolament u d-data personali ġġenerata permezz ta' tali pproċessar, għal wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin biss, kif applikabbli:	għandhom jippreservaw id-data dwar il-kontenut u data oħra proċessata b'rabta mal-miżuri meħudin għall-konformità ma' dan ir-Regolament u d-data personali ġġenerata permezz ta' tali pproċessar, għal wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin biss, kif applikabbli:

Or. en

Emenda 1379
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' ***komunikazzjoni*** interpersonali għandhom jippreservaw id-data dwar il-kontenut u data oħra proċessata b'rabta mal-miżuri meħudin għall-konformità ma' dan ir-Regolament u d-data personali ġġenerata permezz ta' tali pproċessar, għal wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin biss, kif applikabbli:	Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' ***komunikazzjonijiet*** interpersonali ***indipendenti min-numri*** għandhom jippreservaw id-data dwar il-kontenut u data oħra proċessata b'rabta mal-miżuri meħudin għall-konformità ma' dan ir-Regolament u d-data personali ġġenerata permezz ta' tali pproċessar, għal wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin biss, kif applikabbli:

Or. en

Emenda 1380
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ***detezzjoni maħruġa skont l-Artikolu 7, jew ordni ta'*** tneħħija maħruġa skont l-Artikolu 14;	(a) l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' tneħħija maħruġa skont l-Artikolu 14;

Or. en

Emenda 1381
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-imblukkar tal-kont tal-utent ikkonċernat, jew is-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-forniment ta' servizz lill-utent ikkonċernat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1382
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tweġib għat-talbiet maħruġin mill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi u mill-awtoritajiet ġudizzjarji f'konformità mad-dritt applikabbli, bl-għan li jipprovdulhom l-informazzjoni neċessarja għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni, għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal, sa fejn id-data dwar il-kontenut u data oħra jkunu relatati ma' rapport li l-fornitur ikun ippreżenta liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12.	(e) it-tweġib għat-talbiet maħruġin mill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi u mill-awtoritajiet ġudizzjarji f'konformità mad-dritt applikabbli, bl-għan li jipprovdulhom l-informazzjoni neċessarja għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni, għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal, sa fejn id-data dwar il-kontenut u data oħra jkunu relatati ma' rapport li l-fornitur ikun ippreżenta liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. ***Tali talbiet għandhom jiġu rreġistrati kollha.***

Or. en

Emenda 1383
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D

Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-fornitur jista' jippreserva wkoll l-informazzjoni għall-fini li jittejbu l-effettività u l-akkuratezza tat-teknoloġiji sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa lilu f'konformità mal-Artikolu 7. Madankollu, ma għandha taħżen l-ebda data personali għal dak l-għan.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-EDPB u l-EDPS iqisu fl-Opinjoni tagħhom li jista' jkun diffiċli li fil-prattika jiġi żgurat li l-ebda data personali ma tinħażen għal dik il-fini, peress li l-maġġoranza tad-data dwar il-kontenut u ta' data oħra pproċessata għal skopijiet ta' detezzjoni x'aktarx li tikkwalifika bħala data personali

Emenda 1384
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-fornitur jista' jippreserva wkoll l-informazzjoni għall-fini li jittejbu l-effettività u l-akkuratezza tat-teknoloġiji sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa lilu f'konformità mal-Artikolu 7. Madankollu, ma għandha taħżen l-ebda data personali għal dak l-għan.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1385
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-fornitur jista' jippreserva wkoll l-informazzjoni għall-fini li jittejbu l-effettività u l-akkuratezza tat-teknoloġiji sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa lilu f'konformità mal-Artikolu 7. Madankollu, ma għandha taħżen l-ebda data personali għal dak l-għan.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1386
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-fornitur ***jista' jippreserva wkoll l-informazzjoni għall-fini li jittejbu l-effettività u l-akkuratezza tat-teknoloġiji sabiex jiġi identifikat l-abbuż*** sesswali tat-tfal online għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa lilu f'konformità mal-Artikolu 7***. Madankollu, ma għandha taħżen*** l-ebda data personali għal dak l-għan.	Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-fornitur ***li juża t-teknoloġiji ta' detezzjoni tiegħu stess biex jidentifika abbuż*** sesswali tat-tfal online għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa lilu f'konformità mal-Artikolu 7 ***jista' jippreserva wkoll l-informazzjoni għall-fini li jtejjeb l-effettività u l-akkuratezza ta' dawn it-teknoloġiji, jekk id-data personali ppreservata b'dan il-mod tiġi anonimizzata kompletament.*** L-ebda data personali ***ma għandha tinżamm*** għal dak l-għan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Opinjoni tal-EDPS-EDPB, il-paragrafi 94–95

Emenda 1387
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri għandhom jippreservaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal mhux aktar milli jkun neċessarju għall-iskop applikabbli u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar minn 12-il xahar mid-data tar-rapportar jew tat-tneħħija jew tad-diżattivazzjoni tal-aċċess, skont liema ***jseħħ*** l-ewwel.	Il-fornituri għandhom jippreservaw ***b'mod sigur*** l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal mhux aktar milli jkun neċessarju għall-iskop applikabbli u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar minn 12-il xahar mid-data tar-rapportar jew tat-tneħħija jew tad-diżattivazzjoni tal-aċċess, skont liema ***minnhom isseħħ*** l-ewwel.

Or. en

Emenda 1388
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri għandhom jippreservaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal mhux aktar milli jkun neċessarju għall-iskop applikabbli u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar minn 12-il xahar mid-data tar-rapportar jew tat-tneħħija ***jew tad-diżattivazzjoni tal-aċċess***, skont liema ***jseħħ*** l-ewwel.	Il-fornituri għandhom jippreservaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal mhux aktar milli jkun neċessarju għall-iskop applikabbli u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar minn 12-il xahar mid-data tar-rapportar jew tat-tneħħija, skont liema ***minnhom isseħħ*** l-ewwel.

Or. en

Emenda 1389
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi ppreservata b'mod sigur u li l-preservazzjoni tkun soġġetta għal salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali xierqa. Dawk is-salvagwardji għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li l-informazzjoni tkun tista' tiġi aċċessata u pproċessata biss għall-fini li għalih tiġi ppreservata, li jinkiseb livell għoli ta' sigurtà u li l-informazzjoni titħassar malli jiskadu l-perjodi ta' żmien applikabbli għall-preservazzjoni. Il-fornituri għandhom jirrieżaminaw b'mod regolari dawk is-salvagwardji u jaġġustawhom meta dan ikun neċessarju.	Il-fornituri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi ppreservata b'mod ***ikkriptat jew protetta b'mod*** sigur ***simili*** u li l-preservazzjoni tkun soġġetta għal salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali xierqa ***tal-ogħla livell***. Dawk is-salvagwardji għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li l-informazzjoni tkun tista' tiġi aċċessata u pproċessata biss għall-fini li għalih tiġi ppreservata***, li jiġi evitat aċċess mhux awtorizzat għal tali data personali u data oħra, jew trasferimenti mhux awtorizzati ta' tali data***, li jinkiseb livell għoli ta' sigurtà u li l-informazzjoni titħassar malli jiskadu l-perjodi ta' żmien applikabbli għall-preservazzjoni. Il-fornituri għandhom jirrieżaminaw b'mod regolari dawk is-salvagwardji u jaġġustawhom meta dan ikun neċessarju.

Or. en

Emenda 1390
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi ppreservata b'mod sigur u li l-	Il-fornituri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi ppreservata b'mod sigur u li l-

preservazzjoni tkun soġġetta għal salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali xierqa. Dawk is-salvagwardji għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li l-informazzjoni tkun tista' tiġi aċċessata u pproċessata biss għall-fini li għalih tiġi ppreservata, li jinkiseb livell għoli ta' sigurtà u li l-informazzjoni titħassar malli jiskadu l-perjodi ta' żmien applikabbli għall-preservazzjoni. Il-forniturі għandhom jirrieżaminaw b'mod regolari dawk is-salvagwardji u jaġġustawhom meta dan ikun neċessarju.	preservazzjoni tkun soġġetta għal salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali xierqa. Dawk is-salvagwardji għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li l-informazzjoni tkun tista' tiġi aċċessata u pproċessata biss għall-fini li għalih tiġi ppreservata, li jinkiseb livell għoli ta' sigurtà***, li kull aċċess għad-data jiġi rreġistrat,*** u li l-informazzjoni titħassar malli jiskadu l-perjodi ta' żmien applikabbli għall-preservazzjoni. Il-forniturі għandhom jirrieżaminaw b'mod regolari dawk is-salvagwardji u jaġġustawhom meta dan ikun neċessarju.

Or. en

Emenda 1391
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għandhom jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt li jippermetti komunikazzjoni diretta, b'mezzi elettroniċi, mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri, mal-Kummissjoni u maċ-Ċentru tal-UE, għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	1. ***Kif imsemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament - l-Att dwar is-Servizzi Diġitali,*** il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għandhom jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt li jippermetti komunikazzjoni diretta, b'mezzi elettroniċi, mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri, mal-Kummissjoni u maċ-Ċentru tal-UE, għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1392
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornitur għandu jagħti mandat lir-rappreżentanti legali tiegħu sabiex jiġu indirizzati flimkien ***ma' jew minflok il-fornitur*** mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri u mill-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet kollha neċessarji għar-riċevuta u għall-infurzar ta' deċiżjonijiet maħruġin b'rabta ma' dan ir-Regolament***, li jinkludu ordnijiet ta' detezzjoni, ordnijiet ta' tneħħija u ordnijiet ta' mblukkar, u għall-konformità ma' dawn***.	3. Il-fornitur għandu jagħti mandat lir-rappreżentanti legali tiegħu sabiex jiġu indirizzati flimkien ***mal-fornitur jew minfloku*** mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri u mill-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet kollha neċessarji għar-riċevuta u għall-infurzar ta' deċiżjonijiet maħruġin b'rabta ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1393
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 24a
	Ir-rapportar pubbliku anonimu ta' abbuż sesswali tat-tfal online
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jkollu l-possibbiltà li jirrapporta b'mod anonimu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u attivitajiet ta' sfruttament sesswali tat-tfal lil organizzazzjonijiet mhux governattivi rikonoxxuti speċjalizzati fil-ġlieda kontra materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online.
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-hotlines li joperaw fit-territorju tagħhom ikunu awtorizzati jaraw, jivvalutaw u jipproċessaw rapporti anonimi ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.
	3. L-Istati Membri għandhom jagħtu hotlines lill-awtorità biex toħroġ avviżi ta'

tneħħija ta' kontenut għal każijiet ikkonfermati ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

4. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw hotlines biex iwettqu b'mod volontarju tfittix proattiv għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Emenda 1394
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw, sa [Data - xahrejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], awtorità kompetenti waħda jew aktar bħala responsabbli għall-applikazzjoni u għall-infurzar ta' dan ir-Regolament ("awtoritajiet kompetenti").	1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw, sa [Data - xahrejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], awtorità kompetenti waħda jew aktar bħala responsabbli għall-applikazzjoni u għall-infurzar ta' dan ir-Regolament ***u għall-kisba tal-objettiv ta' dan ir-Regolament u l-infurzar tad-Direttiva 2011/93/UE*** ("awtoritajiet kompetenti").

Or. en

Emenda 1395
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom, sad-data msemmija fil-paragrafu 1,*** jiddeżinjaw waħda ***mill-awtoritajiet*** kompetenti bħala l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tagħhom għal kwistjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal	***Meta*** l-Istati Membri ***jiddeżinjaw aktar minn awtorità kompetenti waħda, għandhom*** jiddeżinjaw waħda ***minn dawk l-awtoritajiet*** kompetenti bħala l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tagħhom għal kwistjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal

(“Awtorità ta’ Koordinazzjoni”).	(“Awtorità ta’ Koordinazzjoni”). ***Meta jiddeżinjaw awtorità kompetenti waħda biss, dik l-awtorità kompetenti għandha tkun l-Awtorità ta’ Koordinazzjoni.***

Or. en

Emenda 1396
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta’ Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni u mal-infurzar ta’ dan ir-Regolament fl-Istat Membru kkonċernat, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx assenja ċerti kompiti jew setturi speċifiċi lil awtoritajiet kompetenti oħrajn.	L-Awtorità ta’ Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni u mal-infurzar ta’ dan ir-Regolament fl-Istat Membru kkonċernat, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx assenja ċerti kompiti jew setturi speċifiċi lil awtoritajiet kompetenti oħrajn. ***L-Awtorità ta’ Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli wkoll għall-koordinazzjoni u l-adattament ta’ tekniki ta’ prevenzjoni, elaborati miċ-Ċentru tal-UE. L-Awtorità ta’ Koordinazzjoni għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet u prattiki tajba dwar it-titjib tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, inkluż il-litteriżmu medjatiku, fost il-popolazzjoni permezz tat-twettiq ta’ kampanji ta’ sensibilizzazzjoni fil-livell nazzjonali, immirati b’mod partikolari lejn il-ġenituri u t-tfal dwar id-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online.***

Or. en

Emenda 1397
Patrick Breyer
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni u mal-infurzar ta' dan ir-Regolament fl-Istat Membru kkonċernat, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx assenja ċerti kompiti jew setturi speċifiċi lil awtoritajiet kompetenti oħrajn.	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni u mal-infurzar ta' dan ir-Regolament***, u għall-kisba tal-objettiv ta' dan ir-Regolament u l-infurzar tad-Direttiva 2011/93/UE*** fl-Istat Membru kkonċernat, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx assenja ċerti kompiti jew setturi speċifiċi lil awtoritajiet kompetenti oħrajn.

Or. en

Emenda 1398
Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli sabiex tiżgura l-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet u sabiex tikkontribwixxi għall-applikazzjoni u għall-infurzar effettivi u konsistenti ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni kollha.	Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli sabiex tiżgura l-koordinazzjoni ***u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni*** fil-livell nazzjonali fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet***, inklużi kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni, mal-edukazzjoni u mas-sensibilizzazzjoni u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ regolari għall-uffiċjali, inkluż fl-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jittrattaw każijiet li jinvolvu t-tfal,*** u sabiex tikkontribwixxi għall-applikazzjoni u għall-infurzar effettivi***, effiċjenti*** u konsistenti ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 1399
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli sabiex tiżgura l-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet u sabiex tikkontribwixxi għall-applikazzjoni u għall-infurzar effettivi u konsistenti ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni kollha.	Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli sabiex tiżgura l-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet ***inklużi kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni, mal-edukazzjoni u mas-sensibilizzazzjoni u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ regolari għall-uffiċjali, inkluż fl-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jittrattaw każijiet li jinvolvu t-tfal*** u sabiex tikkontribwixxi għall-applikazzjoni u għall-infurzar effettivi***,*** ***effiċjenti*** u konsistenti ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 1400
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli sabiex tiżgura l-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet u sabiex tikkontribwixxi għall-applikazzjoni u għall-infurzar effettivi u konsistenti ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni kollha.	Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tkun responsabbli sabiex tiżgura l-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet***, inklużi kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni,*** u sabiex tikkontribwixxi għall-applikazzjoni u għall-infurzar effettivi***, effiċjenti*** u konsistenti ta' dan ir-Regolament ***u tad-Direttiva 2011/93/UE*** madwar l-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 1401
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Kull Stat Membru għandu jiżgura li punt ta' kuntatt jiġi ddeżinjat jew stabbilit fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni sabiex jittratta talbiet għal kjarifika, feedback u komunikazzjonijiet oħrajn fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha ***relatati mal-applikazzjoni u mal-infurzar*** ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt ***disponibbli għall-pubbliku u jikkomunikawha*** liċ-Ċentru tal-UE. Għandhom iżommu dik l-informazzjoni aġġornata.	5. Kull Stat Membru għandu jiżgura li punt ta' kuntatt ***li jkollu biżżejjed persunal*** jiġi ddeżinjat jew stabbilit fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni sabiex jittratta talbiet għal kjarifika, feedback u komunikazzjonijiet oħrajn fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha ***li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettiv*** ta' dan ir-Regolament ***u l-infurzar tad-Direttiva 2011/93/UE*** f'dak l-Istat Membru***, inkluż għal organizzazzjonijiet fdati li jipprovdu assistenza lill-vittmi u li jipprovdu edukazzjoni u sensibilizzazzjoni***. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt ***aċċessibbli b'mod wiesa' permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni online u offline sensittivi għall-ġeneru u adatti għall-età u jikkomunikaw din l-informazzjoni*** liċ-Ċentru tal-UE. Għandhom iżommu dik l-informazzjoni aġġornata.

Or. en

Emenda 1402
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Marcos Ros Sempere

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Kull Stat Membru għandu jiżgura li punt ta' kuntatt jiġi ddeżinjat jew stabbilit fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni sabiex jittratta talbiet għal kjarifika, feedback u komunikazzjonijiet oħrajn fir-	5. Kull Stat Membru għandu jiżgura li punt ta' kuntatt jiġi ddeżinjat jew stabbilit fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni sabiex jittratta talbiet għal kjarifika, feedback u komunikazzjonijiet oħrajn fir-

rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni u mal-infurzar ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt disponibbli għall-pubbliku ***u*** jikkomunikawha liċ-Ċentru tal-UE. Għandhom iżommu dik l-informazzjoni aġġornata.	rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni u mal-infurzar ta' dan ir-Regolament f'dak l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt disponibbli għall-pubbliku***, għandhom jiddisseminaw din l-informazzjoni permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni sensittivi għall-ġeneru f'postijiet pubbliċi ffrekwentati mit-tfal, u b'mod partikolari mill-bniet, u għandhom*** jikkomunikawha liċ-Ċentru tal-UE. Għandhom iżommu dik l-informazzjoni aġġornata.

Or. en

Emenda 1403
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fi żmien ġimagħtejn wara d-dežinjazzjoni tal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni skont il-paragrafu 2, iċ-Ċentru tal-UE għandu jistabbilixxi reġistru online li jelenka l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u l-punti ta' kuntatt tagħhom. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jippubblika regolarment kwalunkwe modifika għalih.	6. Fi żmien ġimagħtejn wara d-dežinjazzjoni tal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni skont il-paragrafu 2, iċ-Ċentru tal-UE għandu jistabbilixxi reġistru ***pubbliku*** online li jelenka l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u l-punti ta' kuntatt tagħhom. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jippubblika regolarment kwalunkwe modifika għalih.

Or. en

Emenda 1404
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi ċerta informazzjoni jew għarfien espert tekniku dwar kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test imħassar ma jżidx ċarezza.

Emenda 1405
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi ċerta informazzjoni ***jew għarfien espert tekniku*** dwar kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament***;***	(a) jipprovdi ċerta informazzjoni dwar kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament***, inkluż għarfien u għarfien espert dwar tekniki xierqa ta' prevenzjoni kontra s-solleċitazzjoni online tat-tfal u d-disseminazzjoni tas-CSAM online.***

Or. en

Emenda 1406
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jipprovdi informazzjoni u għarfien espert sensittivi għall-ġeneru u xierqa għall-età dwar appoġġ għall-vittmi u l-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Emenda 1407
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jassisti fil-valutazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(2), tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata jew il-miżuri ta' mitigazzjoni meħudin minn fornitur ta' servizzi ta' hosting jew ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni rikjedenti;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test imħassar ma jżidx ċarezza.

Emenda 1408
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jassisti fil-valutazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(2), tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata jew il-miżuri ta' mitigazzjoni meħudin minn fornitur ta' servizzi ta' hosting jew ta' ***komunikazzjoni*** interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja l-Awtorità ta'	(b) jassisti fil-valutazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(2), tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata jew il-miżuri ta' mitigazzjoni meħudin minn fornitur ta' servizzi ta' hosting jew ta' ***komunikazzjonijiet*** interpersonali ***indipendenti min-numri*** taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni

Koordinazzjoni rikjedenti;	rikjedenti;

Or. en

Emenda 1409
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jivverifika l-ħtieġa possibbli li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jintalbu joħorġu ordni ta' detezzjoni, ordni ta' tneħħija jew ordni ta' mblukkar fir-rigward ta' servizz taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test imħassar ma jżidx ċarezza.

Emenda 1410
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jivverifika l-ħtieġa possibbli li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jintalbu joħorġu ordni ta' ***detezzjoni, ordni ta'*** tneħħija ***jew ordni ta' mblukkar*** fir-rigward ta' servizz taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni;	(c) jivverifika l-ħtieġa possibbli li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jintalbu joħorġu ordni ta' tneħħija fir-rigward ta' servizz taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni;

Or. en

Emenda 1411
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jivverifika l-ħtieġa possibbli li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jintalbu joħorġu ***ordni*** ta' detezzjoni, ordni ta' tneħħija jew ordni ta' mblukkar fir-rigward ta' servizz taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni;	(c) jivverifika l-ħtieġa possibbli li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jintalbu joħorġu ***mandat*** ta' detezzjoni, ordni ta' tneħħija jew ordni ta' mblukkar fir-rigward ta' servizz taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni;

Or. en

Emenda 1412
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jivverifika l-ħtieġa possibbli li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jintalbu joħorġu ordni ta' detezzjoni, ordni ta' tneħħija ***jew ordni ta' mblukkar*** fir-rigward ta' servizz taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni;	(c) jivverifika l-ħtieġa possibbli li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jintalbu joħorġu ordni ta' detezzjoni, ordni ta' tneħħija fir-rigward ta' servizz taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun iddeżinja dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni;

Or. en

Emenda 1413
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jivverifika l-effettività ta' ordni ta' detezzjoni jew ta' ordni ta' tneħħija maħruġa fuq talba tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni rikjedenti.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test imħassar ma jżidx ċarezza.

Emenda 1414
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jivverifika l-effettività ta' ordni ta' ***detezzjoni jew ta' ordni ta'*** tneħħija maħruġa fuq talba tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni rikjedenti.	(d) jivverifika l-effettività ta' ordni ta' tneħħija maħruġa fuq talba tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni rikjedenti.

Or. en

Emenda 1415
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jipprovdi għarfien u għarfien espert dwar tekniki ta' prevenzjoni xierqa mfassla skont l-età u l-ġeneru kontra s-

	sollečitazzjoni online tat-tfal u d-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Emenda 1416
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jipprovdi tali assistenza mingħajr ħlas u f'konformità mal-kompiti u mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament ***u sa fejn jippermettu r-riżorsi u l-prijoritajiet tiegħu***.	8. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jipprovdi tali assistenza mingħajr ħlas u f'konformità mal-kompiti u mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din jew hija funzjoni taċ-Ċentru tal-UE jew mhijiex.

Emenda 1417
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Marcos Ros Sempere

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil ta' miżuri preventivi u sensittivi għall-ġeneru, bħall-kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jiġġieldu kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, jiggarantixxu edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet fl-iskejjel kollha, jintroduċu ħiliet diġitali, litteriżmu u programmi online dwar is-sikurezza fl-edukazzjoni formali, jiżguraw

id-disponibbiltà sħiħa ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati mfassla skont il-ġeneru u l-età għat-tfal superstiti ta' abbuż sesswali u tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Or. en

Emenda 1418
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Fil-kuntatt tagħha mas-superstiti jew fi kwalunkwe deċiżjoni li taffettwa lis-superstiti, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha topera b'mod xieraq għall-età u sensittiv għall-ġeneru li jimminimizza r-riskji għas-superstiti, speċjalment it-tfal, jindirizza l-ħsara li tkun saret lis-superstiti u jissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom. Hija għandha topera b'mod sensittiv għall-vittmi u għall-ġeneru li jipprijoritizza r-rikonoxximent u s-smigħ tas-superstiti, li jevita vittimizzazzjoni sekondarja u trawmatizzazzjoni mill-ġdid, u li jiffoka b'mod sistematiku fuq is-sikurezza, id-drittijiet, il-benessri, il-ħtiġijiet u l-għażliet espressi tagħhom, u li jiżgura li jiġu ttrattati b'mod empatetiku, sensittiv u mingħajr ma jiġu ġġudikati.

Or. en

Emenda 1419
Karolin Braunsberger-Reinhold

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

9a. Fl-involviment tagħha mal-vittmi u s-superstiti jew fi kwalunkwe deċiżjoni li taffettwa l-vittmi u s-superstiti, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha topera b'mod li timminimizza r-riskji għall-vittmi u għas-superstiti, speċjalment it-tfal.

Or. en

Emenda 1420
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 25a
	Kooperazzjoni ma' partijiet terzi
	Meta jkun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament, inkluż il-kisba tal-objettiv ta' dan ir-Regolament, u sabiex tippromwovi l-ġenerazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien f'konformità mal-Artikolu 43(6), l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tikkoopera mal-organizzazzjonijiet u man-networks b'informazzjoni u għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet semipubbliċi u l-prattikanti.

Or. en

Emenda 1421
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jkunu ddeżinjaw iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament b'mod oġġettiv, imparzjali, trasparenti u f'waqtu, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni tagħhom ikollhom riżorsi tekniċi, finanzjarji u umani adegwati sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jkunu ddeżinjaw iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament b'mod oġġettiv, imparzjali, trasparenti u f'waqtu, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali ***kollha*** tal-partijiet kollha affettwati. ***Huma għandhom jiżguraw ukoll li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni tagħhom iwettqu l-kompiti tagħhom bl-akbar rispett u sensittività lejn il-vittmi u r-rappreżentanti tagħhom, b'enfasi fuq l-evitar tal-vittimizzazzjoni mill-ġdid, is-sikurezza tal-vittmi u l-ħtiġijiet tagħhom.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***ukoll*** li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni tagħhom ikollhom riżorsi tekniċi, finanzjarji u umani adegwati sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom.

Or. en

Emenda 1422
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikunu ħielsa minn kwalunkwe influwenza esterna***, kemm*** diretta kif ukoll indiretta;	(c) ikunu ħielsa minn kwalunkwe influwenza esterna ***mhux xierqa, kemm jekk*** diretta kif ukoll indiretta***, fejn huwa mifhum li (a) ir-riċeviment ta' kwalunkwe tip ta' għajnuna finanzjarja mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni u (b) is-sħubija tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni f'network internazzjonali rikonoxxut ma għandhomx jippreġudikaw il-karattru indipendenti tagħha***;

Or. en

Emenda 1423
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikunu ħielsa minn kwalunkwe influwenza esterna***, kemm*** diretta kif ukoll indiretta;	(c) ikunu ħielsa minn kwalunkwe influwenza esterna ***mhux xierqa, kemm jekk*** diretta kif ukoll indiretta ***f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom***;

Or. en

Emenda 1424
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ma jkunux inkarigati b'kompiti relatati mal-prevenzjoni jew mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, minbarra l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1425
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***ma jkunux inkarigati b'kompiti relatati mal-prevenzjoni jew mal-ġlieda*** kontra l-abbuż sesswali tat-tfal***, minbarra l-kompiti tagħhom skont dan ir-***	(e) ***ikunu wrew kompetenza, ħiliet u esperjenza fil-qasam tal-ġlieda*** kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***online***.

Regolament.

Or. en

Emenda 1426
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jiżguraw li l-membri rilevanti tal-persunal ikollhom il-kwalifiki, l-esperjenza u l-ħiliet tekniċi meħtieġa sabiex iwettqu dmirijiethom.	4. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jiżguraw li l-membri rilevanti tal-persunal ikollhom il-kwalifiki, l-esperjenza u l-ħiliet tekniċi meħtieġa sabiex iwettqu dmirijiethom ***skont dan ir-Regolament. Huma għandhom jiżguraw ukoll li l-membri tal-persunal li jiġu f'kuntatt mal-vittmi jkunu mħarrġa b'mod adegwat u ta' spiss f'appoġġ intersezzjonali għall-vittmi***.

Or. en

Emenda 1427
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-maniġment u persunal ieħor tal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew mad-dritt nazzjonali, ikunu soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali kemm matul kif ukoll wara l-mandat tagħhom, fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali li jsiru jafu biha matul it-twettiq tal-kompiti tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-	5. ***Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-informaturi,*** il-maniġment u persunal ieħor tal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew mad-dritt nazzjonali, ikunu soġġetti għal dmir ta' segretezza professjonali kemm matul kif ukoll wara l-mandat tagħhom, fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni

maniġment u persunal ieħor ikunu soġġetti għal regoli li jiggarantixxu li jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod oġġettiv, imparzjali u indipendenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħatra, tat-tkeċċija, tar-remunerazzjoni u tal-prospetti tal-karriera tagħhom.	kunfidenzjali li jsiru jafu biha matul it-twettiq tal-kompiti tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-maniġment u persunal ieħor ikunu soġġetti għal regoli li jiggarantixxu li jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod oġġettiv, imparzjali u indipendenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħatra, tat-tkeċċija, tar-remunerazzjoni u tal-prospetti tal-karriera tagħhom. ***L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom iqisu l-applikazzjoni tad-Direttiva 2021/93/UE dwar it-Trasparenza fil-Pagi.***

Or. en

Emenda 1428
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fejn ikunu meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom,*** l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħat investigattivi li ġejjin**,** fir-rigward tal-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li ddeżinjahom:	1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħat investigattivi li ġejjin fir-rigward tal-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li ddeżinjahom:

Or. en

Emenda 1429
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) is-setgħa li jitolbu lil dawk il-forniturі, kif ukoll lil kwalunkwe persuna	***imħassar***

oħra li taġixxi għal finijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tagħhom li tista' tkun raġonevolment konxja mill-informazzjoni relatata ma' ksur suspettat ta' dan ir-Regolament, jipprovdu tali informazzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli;

Or. en

Emenda 1430
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) is-setgħa li jitolbu lil dawk il-fornituri, kif ukoll lil kwalunkwe persuna oħra li taġixxi għal finijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tagħhom li tista' tkun raġonevolment konxja mill-informazzjoni relatata ma' ksur suspettat ta' dan ir-Regolament, jipprovdu tali informazzjoni ***f'perjodu ta' żmien raġonevoli***;	(a) is-setgħa li jitolbu lil dawk il-fornituri, kif ukoll lil kwalunkwe persuna oħra li taġixxi għal finijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tagħhom li tista' tkun raġonevolment konxja mill-informazzjoni relatata ma' ksur suspettat ta' dan ir-Regolament, jipprovdu tali informazzjoni ***mingħajr dewmien żejjed***;

Or. en

Emenda 1431
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-setgħa li jwettqu spezzjonijiet fuq il-post ta' kwalunkwe bini li jintuża minn dawk il-fornituri jew mill-persuni l-oħrajn imsemmijin fil-punt (a) għal finijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni	***imħassar***

tagħhom, jew li jitolbu lil awtoritajiet pubbliċi oħrajn sabiex jagħmlu dan, bl-għan li jeżaminaw, jaqbdu, jieħdu jew jiksbu kopji ta' informazzjoni relatata ma' suspettat ksur ta' dan ir-Regolament, irrispettivament mill-medium ta' memorja;

Or. en

Emenda 1432
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-setgħa li jwettqu spezzjonijiet fuq il-post ta' kwalunkwe bini li jintuża minn dawk il-fornituri jew mill-persuni l-oħrajn imsemmijin fil-punt (a) għal finijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tagħhom, jew li jitolbu lil awtoritajiet pubbliċi oħrajn sabiex jagħmlu dan, bl-għan li jeżaminaw, jaqbdu, jieħdu jew jiksbu kopji ta' informazzjoni relatata ma' suspettat ksur ta' dan ir-Regolament, irrispettivament mill-medium ***ta' memorja***;	(b) is-setgħa li jwettqu***, jew li jitolbu lil awtorità ġudizzjarja indipendenti fl-Istat Membru tagħhom biex tordna*** spezzjonijiet ***remoti jew*** fuq il-post ta' kwalunkwe bini li jintuża minn dawk il-fornituri jew mill-persuni l-oħrajn imsemmijin fil-punt (a) għal finijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tagħhom, jew li jitolbu lil awtoritajiet pubbliċi oħrajn sabiex jagħmlu dan, bl-għan li jeżaminaw, jaqbdu, jieħdu jew jiksbu kopji ta' informazzjoni relatata ma' suspettat ksur ta' dan ir-Regolament, irrispettivament mill-medium ***tal-ħżin***;

Or. en

Emenda 1433
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(c) is-setgħa li jitolbu lil kwalunkwe membru tal-persunal jew lil rappreżentant ta' dawk il-fornituri jew lill-persuni l-oħrajn imsemmijin fil-punt (a) sabiex jagħtu spjegazzjonijiet fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni relatata ma' suspettat ksur ta' dan ir-Regolament u li jżommu rekord tat-tweġibiet;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1434
Alessandra Mussolini

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-setgħa li jitolbu lil kwalunkwe membru tal-persunal jew lil rappreżentant ta' dawk il-fornituri jew lill-persuni l-oħrajn imsemmijin fil-punt (a) sabiex jagħtu spjegazzjonijiet fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni relatata ma' suspettat ksur ta' dan ir-Regolament u li jżommu rekord tat-tweġibiet;	(c) ***f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali,*** is-setgħa li jitolbu lil kwalunkwe membru tal-persunal jew lil rappreżentant ta' dawk il-fornituri jew lill-persuni l-oħrajn imsemmijin fil-punt (a) sabiex jagħtu spjegazzjonijiet fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni relatata ma' suspettat ksur ta' dan ir-Regolament u li jżommu rekord tat-tweġibiet;

Or. it

Emenda 1435
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) is-setgħa li jitolbu informazzjoni, ***inkluż li*** jivvalutaw ***jekk il-miżuri meħudin għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' detezzjoni, ta' ordni ta' tneħħija jew ta' ordni ta' mblukkar jikkonformawx*** mar-	(d) is-setgħa li jitolbu informazzjoni, ***biex*** jivvalutaw ***il-konformità*** mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1436
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) is-setgħa li jitolbu informazzjoni, inkluż ***li*** jivvalutaw jekk il-miżuri meħudin għall-eżekuzzjoni ta’ ordni ta’ ***detezzjoni, ta’ ordni ta’*** tneħħija ***jew ta’ ordni ta’ mblukkar*** jikkonformawx mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament.	(d) is-setgħa li jitolbu informazzjoni ***mingħand il-fornitur ta’ servizzi***, inkluż ***biex*** jivvalutaw jekk il-miżuri meħudin għall-eżekuzzjoni ta’ ordni ta’ tneħħija jikkonformawx mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1437
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu setgħat investigattivi addizzjonali lill-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1438
Patrick Breyer
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fejn ikunu meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom,*** l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħat ta' infurzar li ġejjin, fir-rigward tal-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li ddeżinjahom:	1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħat ta' infurzar li ġejjin, fir-rigward tal-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li ddeżinjahom:

Or. en

Emenda 1439
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) is-setgħa li jaċċettaw l-impenji offruti minn dawk il-forniturі b'rabta mal-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament u li jagħmlu dawk l-impenji vinkolanti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1440
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-setgħa li jordnaw il-waqfien ta' ksur ta' dan ir-Regolament ***u, fejn xieraq, li jimponu rimedji proporzjonati għall-ksur u neċessarji sabiex itemmu l-ksur b'mod effettiv***;	(b) is-setgħa li jordnaw il-waqfien ta' ksur ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 1441
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-setgħa li jordnaw il-waqfien ta' ksur ta' dan ir-Regolament u***, fejn xieraq,*** li jimponu rimedji proporzjonati għall-ksur u neċessarji sabiex itemmu l-ksur b'mod effettiv;	(b) is-setgħa li jordnaw ***miżuri speċifiċi biex iseħħ*** il-waqfien ta' ksur ta' dan ir-Regolament u li jimponu rimedji proporzjonati għall-ksur u neċessarji sabiex itemmu l-ksur b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 1442
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-setgħa li jimponu multi, jew li jitolbu lil awtorità ġudizzjarja fl-Istat Membru tagħhom sabiex tagħmel dan, f'konformità mal-Artikolu 35 għal ksur ta' dan ir-Regolament***, inkluż in-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe waħda mill-ordnijiet maħruġin skont l-Artikolu 27 u skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu***;	(c) is-setgħa li jimponu multi, jew li jitolbu lil awtorità ġudizzjarja fl-Istat Membru tagħhom sabiex tagħmel dan, f'konformità mal-Artikolu 35 għal ksur ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 1443
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(c) is-setgħa li jimponu multi***, jew li jitolbu lil awtorità ġudizzjarja fl-Istat Membru tagħhom sabiex tagħmel dan,*** f'konformità mal-Artikolu 35 għal ksur ta' dan ir-Regolament, inkluż in-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe ***waħda mill-ordnijiet*** maħruġin skont l-Artikolu 27 u skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu;	(c) is-setgħa li jimponu multi f'konformità mal-Artikolu 35 għal ksur ta' dan ir-Regolament, inkluż in-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe ***ordni minn dawk*** maħruġin skont l-Artikolu 27 u skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu;

Or. en

Emenda 1444
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-setgħa li jadottaw miżuri interim ***sabiex jevitaw ir-riskju*** ta' ħsara serja.	(e) is-setgħa li jadottaw miżuri interim ***xierqa, raġonevoli u proporzjonati għall-prevenzjoni*** ta' ħsara serja.

Or. en

Emenda 1445
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu setgħat ta' infurzar addizzjonali lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1446
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fir-rigward tal-paragrafu 1, il-punti (c) u (d), l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħat ta' infurzar stabbiliti f'dawk il-punti anke fir-rigward tal-persuni l-oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 27, għan-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe waħda mill-ordnijiet maħruġin lilhom skont dak l-Artikolu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1447
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għandhom jeżerċitaw dawk is-setgħat ta' infurzar biss wara li jkunu pprovdew lil dawk il-persuni l-oħrajn fi żmien xieraq l-informazzjoni rilevanti kollha relatata ma' dawn l-ordnijiet, inkluż il-perjodu ta' żmien applikabbli, il-multi jew il-pagamenti perjodiċi li jistgħu jiġu imposti għal nuqqas ta' konformità, u l-possibbiltajiet ta' rimedju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1448
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1449
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fejn ikunu meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom,*** l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħat ta' infurzar addizzjonali msemmijin fil-paragrafu 2, fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li ddeżinjahom, dment li:	1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħat ta' infurzar addizzjonali msemmijin fil-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu***, fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li ddeżinjahom, dment li:

Or. en

Emenda 1450
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-ksur jippersisti***;***	(b) il-ksur jippersisti ***u***

Or. en

Emenda 1451
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) jadottaw u jissottomettu pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji sabiex jintemm il-ksur;	(i) jadottaw u jissottomettu pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji sabiex jintemm il-ksur***, soġġett għall-approvazzjoni tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni***;

Or. en

Emenda 1452
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jitolbu lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti*** tal-Istat Membru li jkun iddeżinja lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni sabiex tordna r-restrizzjoni temporanja tal-aċċess tal-utenti tas-servizz ikkonċernat mill-ksur jew, iżda biss meta dan ma jkunx teknikament fattibbli, għall-interfaċċa online tal-fornitur li fuqha jseħħ il-ksur, meta l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tqis li:	(b) jitolbu lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinja lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni sabiex tordna r-restrizzjoni temporanja tal-aċċess tal-utenti tas-servizz ikkonċernat mill-ksur jew, iżda biss meta dan ma jkunx teknikament fattibbli, għall-interfaċċa online tal-fornitur li fuqha jseħħ il-ksur, meta l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tqis li:

Or. en

Emenda 1453
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-ksur jippersisti u jikkawża ħsara serja;	(ii) il-ksur jippersisti u jikkawża ħsara serja ***li tkun akbar mill-ħsara probabbli***

lill-utenti li jiddependu fuq is-servizz għal skopijiet legali u;

Or. en

Emenda 1454
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-restrizzjoni temporanja għandha tkun tapplika għal perjodu ta' erba' ġimgħat, soġġetta għall-possibbiltà ***li l-awtorità*** ġudizzjarja kompetenti, ***fl-ordni tagħha, tippermetti lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni*** testendi dak il-perjodu għal perjodi ulterjuri tal-istess tul, soġġetta għal numru massimu ta' estensjonijiet stabbiliti minn dik l-awtorità ġudizzjarja.	Ir-restrizzjoni temporanja għandha tkun tapplika għal perjodu ta' erba' ġimgħat, soġġetta għall-possibbiltà ***għall-awtorità*** ġudizzjarja kompetenti, ***li*** testendi dak il-perjodu għal perjodi ulterjuri tal-istess tul, soġġetta għal numru massimu ta' estensjonijiet stabbiliti minn dik l-awtorità ġudizzjarja.

Or. en

Emenda 1455
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-fornitur ikun naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji sabiex itemm il-ksur;	(a) il-fornitur ikun naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji ***u proporzjonati*** sabiex itemm il-ksur; ***u***

Or. en

Emenda 1456
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-miżuri meħudin mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat investigattivi u ta' infurzar tagħhom imsemmijin fl-Artikoli 27***, 28 u 29*** għandhom ikunu effettivi, dissważivi u proporzjonati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, in-natura, il-gravità, ir-rikorrenza u d-durata tal-ksur ta' dan ir-Regolament jew tas-suspettat ksur li miegħu jkunu relatati dawk il-miżuri, kif ukoll il-kapaċità ekonomika, teknika u operazzjonali tal-fornitur ta' servizzi rilevanti kkonċernati tas-soċjetà tal-informazzjoni, fejn applikabbli.	1. Il-miżuri meħudin mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat investigattivi u ta' infurzar tagħhom imsemmijin fl-Artikoli 27 ***u 28,*** għandhom ikunu effettivi, dissważivi u proporzjonati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, in-natura, il-gravità, ir-rikorrenza u d-durata tal-ksur ta' dan ir-Regolament jew tas-suspettat ksur li miegħu jkunu relatati dawk il-miżuri, kif ukoll il-kapaċità ekonomika, teknika u operazzjonali tal-fornitur ta' servizzi rilevanti kkonċernati tas-soċjetà tal-informazzjoni, fejn applikabbli.

Or. en

Emenda 1457
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe eżerċizzju tas-setgħat investigattivi u ta' infurzar imsemmijin fl-Artikoli 27, 28 u 29 ikun soġġett għal salvagwardji adegwati stabbiliti fil-liġi nazzjonali applikabbli sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati. B'mod partikolari, dawk il-miżuri għandhom jittieħdu biss f'konformità mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-drittijiet tad-difiża, inklużi d-drittijiet tal-partijiet li jinstemgħu u ta' aċċess għall-fajl, u soġġetti għad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv tal-partijiet affettwati	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe eżerċizzju tas-setgħat investigattivi u ta' infurzar imsemmijin fl-Artikoli 27, 28 u 29 ikun soġġett għal salvagwardji adegwati stabbiliti fil-liġi nazzjonali applikabbli sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati. B'mod partikolari, dawk il-miżuri għandhom ***ikunu mmirati u preċiżi,*** jittieħdu biss f'konformità mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-drittijiet tad-difiża, inklużi d-drittijiet tal-partijiet li jinstemgħu u ta' aċċess għall-fajl, u soġġetti għad-dritt għal rimedju ġudizzjarju

kollha.	effettiv tal-partijiet affettwati kollha.

Or. en

Emenda 1458
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe eżerċizzju tas-setgħat investigattivi u ta' infurzar imsemmijin fl-Artikoli 27***, 28 u 29*** ikun soġġett għal salvagwardji adegwati stabbiliti fil-liġi nazzjonali applikabbli sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati. B'mod partikolari, dawk il-miżuri għandhom jittieħdu biss f'konformità mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-drittijiet tad-difiża, inklużi d-drittijiet tal-partijiet li jinstemgħu u ta' aċċess għall-fajl, u soġġetti għad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv tal-partijiet affettwati kollha.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe eżerċizzju tas-setgħat investigattivi u ta' infurzar imsemmijin fl-Artikoli 27 ***u 28*** ikun soġġett għal salvagwardji adegwati stabbiliti fil-liġi nazzjonali applikabbli sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha affettwati. B'mod partikolari, dawk il-miżuri għandhom jittieħdu biss f'konformità mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-drittijiet tad-difiża, inklużi d-drittijiet tal-partijiet li jinstemgħu u ta' aċċess għall-fajl, u soġġetti għad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv tal-partijiet affettwati kollha.

Or. en

Emenda 1459
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħa li jwettqu tfittxijiet fuq materjal aċċessibbli għall-pubbliku fuq servizzi ta' hosting sabiex jidentifikaw id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***jew***	L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħa li jwettqu tfittxijiet fuq materjal aċċessibbli għall-pubbliku fuq servizzi ta' hosting sabiex jidentifikaw id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta'

ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal, billi jużaw l-indikaturi li jinsabu fil-bażijiet tad-data msemmijin fl-Artikolu 44(1), ***il-punti (a) u (b), fejn neċessarju sabiex jiġi vverifikat jekk il-forniturі ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun ħatar l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament***.	abbuż sesswali tat-tfal, billi jużaw l-indikaturi li jinsabu fil-bażijiet tad-data msemmijin fl-Artikolu 44(1), ***il-punt (a)***.
	Or. en

Emenda 1460
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħa li jwettqu tfittxijiet fuq materjal aċċessibbli għall-pubbliku fuq servizzi ta' hosting sabiex jidentifikaw id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***jew ġdid*** ta' abbuż sesswali tat-tfal***, billi jużaw l-indikaturi li jinsabu fil-bażijiet tad-data msemmijin fl-Artikolu 44(1), il-punti (a) u (b)***, fejn neċessarju sabiex jiġi vverifikat jekk il-forniturі ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun ħatar l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.	L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħa li jwettqu tfittxijiet fuq materjal aċċessibbli għall-pubbliku fuq servizzi ta' hosting sabiex jidentifikaw id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal, fejn neċessarju sabiex jiġi vverifikat jekk il-forniturі ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li jkun ħatar l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.
	Or. en

Emenda 1461
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 32	***imħassar***
Notifika ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal	
L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħa li jinnotifikaw lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li ddeżinjahom bil-preżenza fuq is-servizz tagħhom ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal u li jitolbuhom ineħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għal dak l-oġġetti jew dawk l-oġġetti, għall-kunsiderazzjoni volontarja tal-fornituri.	
It-talba għandha tistabbilixxi b'mod ċar id-dettalji ta' identifikazzjoni tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni li tagħmel it-talba u l-informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt tagħha msemmi fl-Artikolu 25(5), l-informazzjoni neċessarja għall-identifikazzjoni tal-oġġett jew tal-oġġetti ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal ikkonċernat, kif ukoll ir-raġunijiet għat-talba. It-talba għandha tiddikjara b'mod ċar ukoll li tkun għall-kunsiderazzjoni volontarja tal-fornitur.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kwalunkwe individwu, kumpanija, organizzazzjoni jew korp għandhom din is-setgħa. Din id-dispożizzjoni ma għandha l-ebda effett ieħor ħlief li tippermetti lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jissottomettu avviżi informali, filwaqt li ċċaqlaq it-teħid tad-deċiżjonijiet mill-idejn speċjalizzati tagħhom fl-idejn mhux speċjalizzati tal-fornituri . Minflok għandhom jibagħtu ordnijiet ta' tneħħija.

Emenda 1462
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħa li jinnotifikaw lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li ddeżinjahom bil-preżenza fuq is-servizz tagħhom ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal u li jitolbuhom ineħħu ***jew jiddiżattivaw*** l-aċċess għal dak ***l-oġġetti*** jew dawk l-oġġetti, għall-kunsiderazzjoni volontarja tal-fornituri.	L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom is-setgħa li jinnotifikaw lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li ddeżinjahom ***f'konformità mal-Artikolu 33*** bil-preżenza fuq is-servizz tagħhom ***u lil kwalunkwe fornitur ieħor ta' servizzi ta' hosting*** ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal u li jitolbuhom ineħħu l-aċċess għal dak ***l-oġġett*** jew dawk l-oġġetti, għall-kunsiderazzjoni volontarja tal-fornituri.

Or. en

Emenda 1463
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta fornitur ***ikun*** naqas milli jaħtar rappreżentant legali f'konformità mal-Artikolu 24, l-Istati Membri kollha għandu jkollhom ġuriżdizzjoni. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jeżerċita ġuriżdizzjoni skont dan is-subparagrafu, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn kollha u jiżgura li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' ne bis in idem.	Meta fornitur ***li ma jkollux l-istabbiliment ewlieni tiegħu fl-Unjoni jkun*** naqas milli jaħtar rappreżentant legali f'konformità mal-Artikolu 24, l-Istati Membri kollha għandu jkollhom ġuriżdizzjoni. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jeżerċita ġuriżdizzjoni skont dan is-subparagrafu, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn kollha u jiżgura li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' ne bis in idem.

Or. en

Emenda 1464
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-utenti għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament li jaffettwahom kontra fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni mal-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit l-utent.	1. L-utenti ***u kwalunkwe korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni b'mandat biex jeżerċitaw id-drittijiet ikkonferiti b'dan ir-Regolament f'isimhom*** għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament li jaffettwahom kontra fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni mal-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit l-utent.

Or. en

Emenda 1465
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-utenti għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament li jaffettwahom kontra fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni mal-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru ***fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit l-utent***.	1. L-utenti għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament li jaffettwahom kontra fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni mal-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru ***tal-għażla tagħhom***.

Or. en

Emenda 1466
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Matul dawn il-proċedimenti, iż-żewġ partijiet għandu jkollhom id-dritt li jinstemgħu u jirċievu informazzjoni xierqa dwar l-istatus tal-ilment, b'mod konformi mal-liġi nazzjonali

Or. en

Emenda 1467
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha toffri mekkaniżmi faċli biex jintużaw biex b'mod anonimu tiġi sottomessa informazzjoni dwar ksur ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1468
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jipprovdu mekkaniżmi ***adatti għat-tfal sabiex jippreżentaw*** ilment skont dan l-Artikolu u jadottaw approċċ ***li jqis is-sitwazzjoni tat-tfal*** meta jittrattaw ***ilmenti mressqin minn tfal,*** filwaqt li jqisu l-età, il-maturità, il-fehmiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib ***tat-tfal***.	2. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jipprovdu mekkaniżmi ***aċċessibbli u xierqa għall-età biex jitressaq*** ilment skont dan l-Artikolu u jadottaw approċċ ***xieraq għall-età u sensittiv għall-ġeneru*** meta jittrattaw ***l-ilmenti*** filwaqt li jqisu l-età, il-maturità, il-fehmiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib ***tal-persuna. L-ipproċessar tal-ilmenti għandu jqis id-***

diliġenza dovuta u għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lill-ilmentatur.

Or. en

Emenda 1469
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-utenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jressqu lment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament kontra fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi rikonoxxuti speċjalizzati fil-ġlieda kontra materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online, inklużi l-hotlines.

Or. en

Emenda 1470
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 34a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 34a
	Azzjonijiet rappreżentattivi
	Dan li ġej jiżdied mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2020/1828 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi: "Ir-Regolament xxxx/xxxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-

regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal”

Or. en

Emenda 1471
René Repasi, Tiemo Wölken
f’isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f’isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 34a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 34a
	Rapportar ta’ ksur u protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw
	Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandha tapplika għar-rapportar ta’ ksur ta’ dan ir-Regolament u l-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw tali ksur.

Or. en

Emenda 1472
Patrick Breyer
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont massimu tal-penali imposti għal ksur ta’ dan ir-Regolament ma għandux jaqbeż is-6 % ***tal-introjtu annwali jew tal-fatturat globali*** tas-sena finanzjarja preċedenti tal-fornitur.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont massimu tal-penali imposti għal ksur ta’ dan ir-Regolament ma għandux jaqbeż is-6 % ***tal-fatturat dinji annwali*** tas-sena finanzjarja preċedenti tal-fornitur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-DSA

Emenda 1473
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Penali għall-provvista ta' informazzjoni mhux korretta, mhux kompluta jew qarrieqa, għal nuqqas ta' tweġiba jew ta' rettifika ta' informazzjoni mhux korretta, mhux kompluta jew qarrieqa jew ta' sottomissjoni għal spezzjoni fuq il-post ma għandhiex taqbeż ***il-1*** % tal-introjtu annwali jew tal-fatturat globali tas-sena finanzjarja preċedenti tal-fornitur ***jew tal-persuna l-oħra msemmija fl-Artikolu 27***.	3. Penali għall-provvista ta' informazzjoni mhux korretta, mhux kompluta jew qarrieqa, għal nuqqas ta' tweġiba jew ta' rettifika ta' informazzjoni mhux korretta, mhux kompluta jew qarrieqa jew ta' sottomissjoni għal spezzjoni fuq il-post ma għandhiex taqbeż ***it-3*** % tal-introjtu annwali jew tal-fatturat globali tas-sena finanzjarja preċedenti tal-fornitur.

Or. en

Emenda 1474
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Penali għall-provvista ta' informazzjoni mhux korretta, mhux kompluta jew qarrieqa, għal nuqqas ta' tweġiba jew ta' rettifika ta' informazzjoni mhux korretta, mhux kompluta jew qarrieqa jew ta' sottomissjoni għal spezzjoni fuq il-post ma għandhiex taqbeż il-1 % ***tal-introjtu annwali jew*** tal-fatturat ***globali*** tas-sena finanzjarja preċedenti tal-	3. Penali għall-provvista ta' informazzjoni mhux korretta, mhux kompluta jew qarrieqa, għal nuqqas ta' tweġiba jew ta' rettifika ta' informazzjoni mhux korretta, mhux kompluta jew qarrieqa jew ta' sottomissjoni għal spezzjoni fuq il-post ma għandhiex taqbeż il-1 % tal-fatturat ***dinji*** tas-sena finanzjarja preċedenti tal-fornitur jew tal-persuna l-

fornitur jew tal-persuna l-oħra msemmija fl-Artikolu 27.	oħra msemmija fl-Artikolu 27.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-DSA

Emenda 1475
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont massimu ta' pagament perjodiku ta' penali ma għandux jaqbeż il-5 % tal-fatturat medju globali ta' kuljum tal-fornitur ***jew tal-persuna l-oħra msemmija fl-Artikolu 27*** fis-sena finanzjarja tas-servizzi intermedjarji kkonċernat fis-sena finanzjarja preċedenti għal kull jum, ikkalkolat mid-data speċifikata fid-deċiżjoni kkonċernata.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont massimu ta' pagament perjodiku ta' penali ma għandux jaqbeż il-5 % tal-fatturat medju globali ta' kuljum tal-fornitur fis-sena finanzjarja tas-servizzi intermedjarji kkonċernat fis-sena finanzjarja preċedenti għal kull jum, ikkalkolat mid-data speċifikata fid-deċiżjoni kkonċernata.

Or. en

Emenda 1476
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont massimu ta' pagament perjodiku ta' penali ma għandux jaqbeż il-5 % tal-fatturat medju ***globali*** ta' kuljum tal-fornitur jew tal-persuna l-oħra msemmija fl-Artikolu 27 fis-sena	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont massimu ta' pagament perjodiku ta' penali ma għandux jaqbeż il-5 % tal-fatturat medju ***dinji*** ta' kuljum tal-fornitur jew tal-persuna l-oħra msemmija fl-Artikolu 27 fis-sena

finanzjarja tas-servizzi intermedjarji kkonċernat fis-sena finanzjarja preċedenti għal kull jum, ikkalkolat mid-data speċifikata fid-deċiżjoni kkonċernata.	finanzjarja tas-servizzi intermedjarji kkonċernat fis-sena finanzjarja preċedenti għal kull jum, ikkalkolat mid-data speċifikata fid-deċiżjoni kkonċernata.

Or. en

Emenda 1477
Carles Puigdemont i Casamajó

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali imposti għall-ksur ta' dan ir-Regolament ma jħeġġux ir-rapportar żejjed jew it-tneħħija ta' materjal li ma jikkostitwixxix materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 1478
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali imposti għall-ksur ta' dan ir-Regolament ma jħeġġux ir-rapportar żejjed jew it-tneħħija ta' materjal li ma jikkostitwixxix materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 1479
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 35a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 35a
	Kumpens
	L-utenti u kwalunkwe korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni b'mandat biex jeżerċitaw id-drittijiet ikkonferiti b'dan ir-Regolament f'isimhom għandu jkollhom id-dritt li jfittxu, skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, kumpens mingħand il-fornituri tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, għal kwalunkwe ħsara jew telf imġarrba minħabba ksur minn dawk il-fornituri tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1480
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 35a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 35a
	Kumpens
	L-utenti u kwalunkwe korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni b'mandat biex jeżerċitaw id-drittijiet ikkonferiti b'dan ir-Regolament f'isimhom għandu jkollhom id-dritt li jfittxu, skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, kumpens mingħand il-fornituri tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, għal kwalunkwe ħsara jew telf imġarrba minħabba ksur minn dawk il-fornituri tal-obbligi tagħhom

skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1481
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni u s-sottomissjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal ***online***	L-identifikazzjoni u s-sottomissjoni ta' ***materjal ta'*** abbuż sesswali tat-tfal

Or. en

Emenda 1482
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) oġġetti speċifiċi ***ta' materjal u traskrizzjonijiet ta' konverżazzjonijiet li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew*** li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ***jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn*** ta' Stat Membru identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali ***tat-tfal jew is-sollečitazzjoni*** tat-tfal, kif applikabbli, sabiex iċ-Ċentru tal-UE jiġġenera indikaturi f'konformità mal-Artikolu 44(3);	(a) oġġetti speċifiċi ***anonimizzati ta' materjal*** li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ta' Stat Membru ***jkunu*** identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, kif applikabbli, sabiex iċ-Ċentru tal-UE jiġġenera indikaturi f'konformità mal-Artikolu 44(3);

Or. en

Emenda 1483
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) oġġetti speċifiċi ta' materjal ***u traskrizzjonijiet ta' konverżazzjonijiet*** li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn ta' Stat Membru identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***jew is-sollecitazzjoni tat-tfal***, kif applikabbli, ***sabiex iċ-Ċentru tal-UE jiġġenera indikaturi f'konformità mal-Artikolu 44(3);***	(a) oġġetti speċifiċi ta' materjal li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn ta' Stat Membru ***jkunu*** identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, kif applikabbli, ***għaċ-Ċentru tal-UE***

Or. en

Emenda 1484
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) oġġetti speċifiċi ta' materjal ***u traskrizzjonijiet ta' konverżazzjonijiet*** li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn ta' Stat Membru identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali ***tat-tfal jew is-sollecitazzjoni*** tat-tfal, kif applikabbli, sabiex iċ-Ċentru tal-UE	(a) oġġetti speċifiċi ta' materjal li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn ta' Stat Membru ***jkunu*** identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, kif applikabbli, sabiex iċ-Ċentru tal-UE jiġġenera indikaturi f'konformità mal-Artikolu 44(3);

jiġġenera indikaturi f'konformità mal-Artikolu 44(3);

Or. en

Emenda 1485
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-lokalizzaturi uniformi eżatti tar-riżorsi li jindikaw oġġetti speċifiċi ta' materjal li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn ta' Stat Membru jkunu identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, ospitat minn fornituri ta' servizzi ta' hosting li ma joffrux servizzi fl-Unjoni, li ma jistax jitneħħa minħabba r-rifjut ta' dawk il-fornituri li jneħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għalih u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li jkollu ġuriżdizzjoni, sabiex iċ-Ċentru tal-UE jiġbor il-lista ta' lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi f'konformità mal-Artikolu 44(3).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1486
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) ***il-lokalizzaturi uniformi eżatti tar-riżorsi li jindikaw*** oġġetti speċifiċi ta' materjal li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn ta' Stat Membru jkunu identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, ***ospitat minn fornituri ta' servizzi ta' hosting li ma joffrux servizzi fl-Unjoni, li ma jistax jitneħħa minħabba r-rifjut ta' dawk il-fornituri li jneħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għalih u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li jkollu ġuriżdizzjoni, sabiex iċ-Ċentru tal-UE jiġbor il-lista ta' lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi f'konformità mal-Artikolu 44(3).***	(b) oġġetti speċifiċi ta' materjal li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn ta' Stat Membru jkunu identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, ***kif applikabbli, għaċ-Ċentru tal-UE***

Or. en

Emenda 1487
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-lokalizzaturi uniformi eżatti tar-riżorsi li jindikaw oġġetti speċifiċi ta' materjal li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn ta' Stat Membru jkunu identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, ospitat minn fornituri ta' servizzi ta' hosting li ma joffrux servizzi fl-Unjoni, li ma jistax jitneħħa minħabba r-rifjut ta'	(b) il-lokalizzaturi uniformi eżatti tar-riżorsi li jindikaw oġġetti speċifiċi ta' materjal li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn ta' Stat Membru jkunu identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, ospitat minn fornituri ta' servizzi ta' hosting li ma joffrux servizzi fl-Unjoni, li ma jistax jitneħħa minħabba r-rifjut ta'

dawk il-fornituri li ***jneħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għalih*** u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li jkollu ġuriżdizzjoni, sabiex iċ-Ċentru tal-UE jiġbor il-lista ta' lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi f'konformità mal-Artikolu 44(3).	dawk il-fornituri li ***jneħħuh*** u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li jkollu ġuriżdizzjoni, sabiex iċ-Ċentru tal-UE jiġbor il-lista ta' lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi f'konformità mal-Artikolu 44(3).

Or. en

Emenda 1488
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jkunu ddeżinjaw jirċievu, mingħajr dewmien żejjed, ***il-materjal*** identifikat bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal***, it-traskrizzjonijiet tal-konverżazzjonijiet identifikati bħala s-solleċitazzjoni tat-tfal, u l-lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi, identifikati*** minn awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew minn awtorità amministrattiva indipendenti oħra*** għajr l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, għas-sottomissjoni liċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-ewwel subparagrafu.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jkunu ddeżinjaw jirċievu, mingħajr dewmien żejjed, ***kopji kriptati ta' materjal*** identifikat bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***identifikat*** minn awtorità ġudizzjarja kompetenti għajr l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, għas-sottomissjoni liċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 1489
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri

neċessarji sabiex jiżguraw li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jkunu ddeżinjaw jirċievu, mingħajr dewmien żejjed, il-materjal identifikat bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, ***it-traskrizzjonijiet tal-konverżazzjonijiet identifikati bħala s-sollečitazzjoni tat-tfal, u l-lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi, identifikati*** minn awtorità ġudizzjarja kompetenti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti oħra għajr l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, għas-sottomissjoni liċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-ewwel subparagrafu.	neċessarji sabiex jiżguraw li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jkunu ddeżinjaw jirċievu, mingħajr dewmien żejjed, il-materjal identifikat bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, ***identifikat*** minn awtorità ġudizzjarja kompetenti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti oħra għajr l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, għas-sottomissjoni liċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 1490
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jkunu ddeżinjaw jirċievu, mingħajr dewmien żejjed, il-materjal identifikat bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal***, it-traskrizzjonijiet tal-konverżazzjonijiet identifikati bħala s-sollečitazzjoni tat-tfal,*** u l-lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi, identifikati minn awtorità ġudizzjarja kompetenti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti oħra għajr l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, għas-sottomissjoni liċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-ewwel subparagrafu.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jkunu ddeżinjaw jirċievu, mingħajr dewmien żejjed, il-materjal identifikat bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi, identifikati minn awtorità ġudizzjarja kompetenti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti oħra għajr l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, għas-sottomissjoni liċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 1491
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq it-talba taċ-Ċentru tal-UE, u fejn neċessarju sabiex jiġi żgurat li d-data li tinsab fil-bażijiet tad-data msemmijin fl-Artikolu 44(1) tkun kompluta, akkurata u aġġornata, l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jivverifikaw jew jipprovdu kjarifiki jew informazzjoni addizzjonali dwar jekk il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a) u (b) kinux issodisfati u, fejn rilevanti, għadhomx issodisfati, fir-rigward ta' sottomissjoni partikolari liċ-Ċentru tal-UE f'konformità ma' dak il-paragrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1492
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jirċievu rapport ***tat-tixrid ta' materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal jew tas-sollečitazzjoni tat-tfal mibgħuta lilhom*** miċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-Artikolu 48(3), titwettaq valutazzjoni diliġenti f'konformità mal-paragrafu 1 u, jekk il-materjal ***jew il-konverżazzjoni jiġu identifikati*** bħala li ***jikkostitwixxu*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***jew bħala s-sollečitazzjoni tat-tfal***, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni ***tissottometti***	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jirċievu rapport miċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-Artikolu 48(3), titwettaq valutazzjoni diliġenti f'konformità mal-paragrafu 1 u, jekk il-materjal ***jiġi identifikat*** bħala li ***jikkostitwixxi*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni ***tippreżenta*** l-materjal liċ-Ċentru tal-UE, f'konformità ma' dak il-paragrafu, fi żmien ***ġimgħa*** mid-data tal-wasla tar-rapport.

l-materjal liċ-Ċentru tal-UE, f'konformità ma' dak il-paragrafu, fi żmien ***xahar*** mid-data tal-wasla tar-rapport ***jew, meta l-valutazzjoni tkun partikolarment kumplessa, xahrejn minn dik id-data***.

Or. en

Emenda 1493
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jirċievu rapport tat-tixrid ta' materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal ***jew tas-solleċitazzjoni tat-tfal mibgħuta lilhom*** miċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-Artikolu 48(3), titwettaq valutazzjoni diliġenti f'konformità mal-paragrafu 1 u, jekk il-materjal ***jew il-konverżazzjoni jiġu identifikati*** bħala li ***jikkostitwixxu*** materjal ta' abbuż sesswali ***tat-tfal jew bħala s-solleċitazzjoni*** tat-tfal, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tissottometti l-materjal liċ-Ċentru tal-UE, f'konformità ma' dak il-paragrafu, fi żmien xahar mid-data tal-wasla tar-rapport jew, meta l-valutazzjoni tkun partikolarment kumplessa, xahrejn minn dik id-data.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jirċievu rapport tat-tixrid ta' materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal miċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-Artikolu 48(3), titwettaq valutazzjoni diliġenti f'konformità mal-paragrafu 1 u, jekk il-materjal ***jiġi identifikat*** bħala li ***jikkostitwixxi*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tissottometti l-materjal liċ-Ċentru tal-UE, f'konformità ma' dak il-paragrafu, fi żmien xahar mid-data tal-wasla tar-rapport jew, meta l-valutazzjoni tkun partikolarment kumplessa, xahrejn minn dik id-data.

Or. en

Emenda 1494
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għandhom jiżguraw ukoll li, meta l-valutazzjoni diliġenti tindika li l-materjal ma jikkostitwixxix materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***jew is-sollečitazzjoni tat-tfal***, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tiġi informata b'dak l-eżitu u sussegwentement tinforma liċ-Ċentru tal-UE b'dan, ***fil-perjodi ta'*** żmien ***speċifikati fl-ewwel subparagrafu***.	4. Għandhom jiżguraw ukoll li, meta l-valutazzjoni diliġenti tindika li l-materjal ma jikkostitwixxix materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tiġi informata b'dak l-eżitu u sussegwentement tinforma liċ-Ċentru tal-UE b'dan, ***fi żmien ġimgħa mid-data li fiha tirċievi tali valutazzjoni. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri effettivi biex tali materjal, inkluża kwalunkwe data assoċjata, li ma jikkostitwixxix materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jitħassar mir-rekords u mill-bażijiet tad-data fl-Awtorità ta' Koordinazzjoni u fl-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fi*** żmien ***ġimgħa wara li jkunu rċevew l-avviż dwaru***.

Or. en

Emenda 1495
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għandhom jiżguraw ukoll li, meta l-valutazzjoni diliġenti tindika li l-materjal ma jikkostitwixxix materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***jew is-sollečitazzjoni tat-tfal***, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tiġi informata b'dak l-eżitu u sussegwentement tinforma liċ-Ċentru tal-UE b'dan, fil-perjodi ta' żmien speċifikati fl-ewwel subparagrafu.	4. Għandhom jiżguraw ukoll li, meta l-valutazzjoni diliġenti tindika li l-materjal ma jikkostitwixxix materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tiġi informata b'dak l-eżitu u sussegwentement tinforma liċ-Ċentru tal-UE b'dan, fil-perjodi ta' żmien speċifikati fl-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 1496
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għandhom jiżguraw ukoll li, meta l-valutazzjoni diliġenti tindika li l-materjal ma jikkostitwixxix materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***jew is-sollečitazzjoni tat-tfal***, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tiġi informata b'dak l-eżitu u sussegwentement tinforma liċ-Ċentru tal-UE b'dan, fil-perjodi ta' żmien speċifikati fl-ewwel subparagrafu.	4. Għandhom jiżguraw ukoll li, meta l-valutazzjoni diliġenti tindika li l-materjal ma jikkostitwixxix materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tiġi informata b'dak l-eżitu u sussegwentement tinforma liċ-Ċentru tal-UE b'dan, fil-perjodi ta' żmien speċifikati fl-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 1497
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet għaliex tissuspetta li fornitur ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni kiser dan ir-Regolament b'mod li jinvolvi tal-anqas tliet Stati Membri, hija tista' tirrakkomanda li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment tivvaluta l-kwistjoni u tieħu l-miżuri investigattivi u ta' infurzar neċessarji sabiex tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1498
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ***l-Kummissjoni jkollha*** raġunijiet ***għaliex tissuspetta*** li fornitur ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni kiser dan ir-Regolament b'mod li ***jinvolvi*** tal-anqas tliet Stati Membri, hija tista' tirrakkomanda li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment tivvaluta l-kwistjoni ***u tieħu l-miżuri investigattivi u ta' infurzar neċessarji sabiex tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament***.	Meta***, fl-opinjoni motivata tal-Kummissjoni, ikun hemm*** raġunijiet ***biex jiġi ssuspettat*** li fornitur ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni kiser dan ir-Regolament b'mod li ***jikkawża ħsara*** tal-anqas ***fi*** tliet Stati Membri, hija tista' tirrakkomanda li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment tivvaluta l-kwistjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tali struzzjoni speċifika mill-KE tikkontradixxi l-Artikolu 26.2.d

Emenda 1499
Charlie Weimers, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ma għandha tittieħed l-ebda azzjoni mingħajr deċiżjoni minn qorti tal-liġi fl-Istat Membru fejn ikun jinsab il-fornitur tal-informazzjoni rilevanti;

Or. en

Emenda 1500
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament

Artikolu 37 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-talba ***jew ir-rakkomandazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 1 għandha tal-anqas tindika:	2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 għandha tal-anqas tindika:

Or. en

Emenda 1501
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) deskrizzjoni tal-fatti rilevanti, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikkonċernati u r-raġunijiet għalfejn l-Awtorità ta' Koordinazzjoni ***li*** bagħtet it-talba***, jew il-Kummissjoni, tissuspetta li l-fornitur kiser dan ir-Regolament***;	(b) deskrizzjoni tal-fatti rilevanti, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikkonċernati u r-raġunijiet għalfejn l-Awtorità ta' Koordinazzjoni bagħtet it-talba;

Or. en

Emenda 1502
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni li bagħtet it-talba***, jew il-Kummissjoni,*** tqis rilevanti***, inkluża, fejn xieraq, informazzjoni miġbura fuq inizjattiva tagħha stess u suġġerimenti għal miżuri investigattivi jew ta' infurzar speċifiċi li għandhom jittieħdu.***	(c) kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni li bagħtet it-talba tqis rilevanti***;***

Or. en

Emenda 1503
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni li bagħtet it-talba, jew il-Kummissjoni, tqis rilevanti, inkluża, fejn xieraq, informazzjoni miġbura fuq inizjattiva tagħha stess ***u suġġerimenti għal miżuri investigattivi jew ta' infurzar speċifiċi li għandhom jittieħdu***.	(c) kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni li bagħtet it-talba, jew il-Kummissjoni, tqis rilevanti, inkluża, fejn xieraq, informazzjoni miġbura fuq inizjattiva tagħha stess.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ikun jikkostitwixxi r-riċeviment ta' struzzjonijiet li jikkontradixxu l-Artikolu 26.2.d

Emenda 1504
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha tivvaluta l-ksur suspettat, filwaqt li tqis bis-sħiħ it-talba ***jew ir-rakkomandazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 1.	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha tivvaluta l-ksur suspettat, filwaqt li tqis bis-sħiħ it-talba msemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1505
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament

Artikolu 37 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha tivvaluta l-ksur suspettat, filwaqt li tqis bis-sħiħ it-talba ***jew ir-rakkomandazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 1.	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha tivvaluta l-ksur suspettat, filwaqt li tqis bis-sħiħ it-talba msemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1506
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta tqis li ma jkollhiex biżżejjed informazzjoni sabiex tivvaluta l-ksur suspettat jew sabiex tieħu azzjoni fuq talba ***jew fuq rakkomandazzjoni*** u jkollha raġunijiet għalfejn tikkunsidra li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni li bagħtet it-talba***, jew il-Kummissjoni,*** tista' tipprovdi informazzjoni addizzjonali, hija tista' titlob tali informazzjoni. Il-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 4 għandu jiġi sospiż sakemm tiġi pprovduta dik l-informazzjoni addizzjonali.	Meta tqis li ma jkollhiex biżżejjed informazzjoni sabiex tivvaluta l-ksur suspettat jew sabiex tieħu azzjoni fuq talba u jkollha raġunijiet għalfejn tikkunsidra li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni li bagħtet it-talba tista' tipprovdi informazzjoni addizzjonali, hija tista' titlob tali informazzjoni. Il-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 4 għandu jiġi sospiż sakemm tiġi pprovduta dik l-informazzjoni addizzjonali.

Or. en

Emenda 1507
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta tqis li ma jkollhiex biżżejjed	Meta tqis li ma jkollhiex biżżejjed

informazzjoni sabiex tivvaluta l-ksur suspettat jew sabiex tieħu azzjoni fuq talba ***jew fuq rakkomandazzjoni*** u jkollha raġunijiet għalfejn tikkunsidra li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni li bagħtet it-talba, jew il-Kummissjoni, tista' tipprovdi informazzjoni addizzjonali, hija tista' titlob tali informazzjoni. Il-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 4 għandu jiġi sospiż sakemm tiġi pprovduta dik l-informazzjoni addizzjonali.	informazzjoni sabiex tivvaluta l-ksur suspettat jew sabiex tieħu azzjoni fuq talba u jkollha raġunijiet għalfejn tikkunsidra li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni li bagħtet it-talba, jew il-Kummissjoni, tista' tipprovdi informazzjoni addizzjonali, hija tista' titlob tali informazzjoni. Il-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 4 għandu jiġi sospiż sakemm tiġi pprovduta dik l-informazzjoni addizzjonali.

Or. en

Emenda 1508
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn xahrejn wara li tirċievi t-talba ***jew ir-rakkomandazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 1, tikkomunika lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni li tkun bagħtet it-talba***, jew lill-Kummissjoni***, l-eżitu tal-valutazzjoni tagħha tal-ksur suspettat, jew dak ta' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra skont il-liġi nazzjonali fejn rilevanti, u, fejn applikabbli, spjegazzjoni tal-miżuri investigattivi jew ta' infurzar meħudin jew previsti fir-rigward tiegħu sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament.	4. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn xahrejn wara li tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, tikkomunika lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni li tkun bagħtet it-talba, l-eżitu tal-valutazzjoni tagħha tal-ksur suspettat, jew dak ta' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra skont il-liġi nazzjonali fejn rilevanti, u, fejn applikabbli, spjegazzjoni tal-miżuri investigattivi jew ta' infurzar meħudin jew previsti fir-rigward tiegħu sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1509
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn xahrejn wara li tirċievi t-talba jew ir-rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, tikkomunika lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni li tkun bagħtet it-talba, jew lill-Kummissjoni, l-eżitu tal-valutazzjoni tagħha tal-ksur suspettat, jew dak ta' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra skont il-liġi nazzjonali fejn rilevanti, u, fejn applikabbli, ***spjegazzjoni*** tal-miżuri investigattivi jew ta' infurzar meħudin jew previsti fir-rigward tiegħu sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament.	4. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn xahrejn wara li tirċievi t-talba jew ir-rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, tikkomunika lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni li tkun bagħtet it-talba, jew lill-Kummissjoni, l-eżitu tal-valutazzjoni tagħha tal-ksur suspettat, jew dak ta' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra skont il-liġi nazzjonali fejn rilevanti, u, fejn applikabbli, ***dettalji*** tal-miżuri investigattivi jew ta' infurzar meħudin jew previsti fir-rigward tiegħu sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1510
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jistgħu jieħdu sehem f'investigazzjonijiet konġunti, li jistgħu jiġu kkoordinati bl-appoġġ taċ-Ċentru tal-UE, dwar kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, rigward fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni li joffru s-servizzi tagħhom f'diversi Stati Membri.	L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni ***għandhom jikkondividu standards tal-aħjar prattiki u gwida dwar id-detezzjoni u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u*** jistgħu jieħdu sehem f'investigazzjonijiet konġunti, li jistgħu jiġu kkoordinati bl-appoġġ taċ-Ċentru tal-UE, dwar kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, rigward fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni li joffru s-servizzi tagħhom f'diversi Stati Membri. ***Dawk l-investigazzjonijiet konġunti għandhom isiru wkoll fuq id-darkweb.***

Or. en

Emenda 1511
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jistgħu jieħdu sehem f'investigazzjonijiet konġunti, li jistgħu jiġu kkoordinati bl-appoġġ taċ-Ċentru tal-UE, dwar kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, rigward fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni li joffru s-servizzi tagħhom f'diversi Stati Membri.	L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni ***għandhom jikkondividu standards tal-aħjar prattiki u gwida dwar id-detezzjoni u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u*** jistgħu jieħdu sehem f'investigazzjonijiet konġunti, li jistgħu jiġu kkoordinati bl-appoġġ taċ-Ċentru tal-UE, dwar kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, rigward fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni li joffru s-servizzi tagħhom f'diversi Stati Membri.

Or. en

Emenda 1512
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar in-natura tal-problema tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, kif titfittex l-għajnuna, u kif wieħed jista' jaħdem ma' fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni biex ineħħi l-kontenut u jikkoordina l-isforzi ta' identifikazzjoni tal-vittmi mwettqa b'kollaborazzjoni ma' programmi eżistenti

ta' identifikazzjoni tal-vittmi.

Or. en

Emenda 1513
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni parteċipanti għandhom jagħmlu r-riżultati tal-investigazzjonijiet konġunti disponibbli għal Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni oħrajn***, għall-Kummissjoni*** u għaċ-Ċentru tal-UE, permezz tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39(2), għat-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament.	2. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni parteċipanti għandhom jagħmlu r-riżultati tal-investigazzjonijiet konġunti disponibbli għal Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni oħrajn u għaċ-Ċentru tal-UE, permezz tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39(2), għat-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1514
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar in-natura tal-problema tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online, kif titfittex l-għajnuna, u kif wieħed jista' jaħdem ma' fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni biex ineħħi l-kontenut u jikkoordina l-isforzi ta' identifikazzjoni tal-vittmi mwettqa b'kollaborazzjoni ma' programmi eżistenti ta' identifikazzjoni tal-vittmi.

Or. en

Emenda 1515
Fabienne Keller, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru li ddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, mal-Kummissjoni, maċ-Ċentru tal-UE u ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni**,** inkluża l-Europol, sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament u jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi, effiċjenti u konsistenti tiegħu.	1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru li ddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, mal-Kummissjoni, maċ-Ċentru tal-UE u ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni inkluża l-Europol, ***l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), u organizzazzjonijiet oħra bħall-NCMEC*** sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament u jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi, effiċjenti u konsistenti tiegħu.

Or. en

Emenda 1516
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru li ddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, ***mal-Kummissjoni,*** maċ-Ċentru tal-UE u ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni***, inkluża l-Europol***, sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament u jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi, effiċjenti u konsistenti tiegħu.	1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru li ddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, maċ-Ċentru tal-UE u ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni, sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament u jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi, effiċjenti u konsistenti tiegħu.

Or. en

Emenda 1517
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru li ddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, mal-Kummissjoni, maċ-Ċentru tal-UE u ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni, ***inkluża l-Europol,*** sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament u jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi, effiċjenti u konsistenti tiegħu.	1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru li ddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, mal-Kummissjoni, maċ-Ċentru tal-UE u ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni, sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament u jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi, effiċjenti u konsistenti tiegħu.

Or. en

Emenda 1518
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jistabbilixxi u jżomm sistema ***waħda jew aktar*** affidabbli u sigura ta' kondiviżjoni ***ta' informazzjoni li tappoġġa l-komunikazzjoni*** bejn l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u fornituri ta' servizzi rilevanti ***tas-soċjetà***	2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu ***juża s-software pprovdut mill-eu-LISA skont ir-Regolament (UE) [Pjattaforma ta' kollaborazzjoni online tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta] biex*** jistabbilixxi u jżomm sistema affidabbli u sigura ta' kondiviżjoni ***tal-informazzjoni li jappoġġaw il-komunikazzjonijiet*** bejn l-

tal-informazzjoni.	Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u fornituri ta' servizzi ***tas-soċjetà tal-informazzjoni*** rilevanti***. F'konformità mal-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2018/1725, iċ-Ċentru tal-UE għandu jżomm reġistri tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tiegħu. Ma għandux ikun possibbli li r-reġistri jiġu mmodifikati***.

Or. en

Emenda 1519
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jistabbilixxi u jżomm sistema waħda jew aktar affidabbli u sigura ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni li tappoġġa ***l-komunikazzjoni*** bejn l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni.	2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jistabbilixxi u jżomm sistema waħda jew aktar affidabbli u sigura ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni ***bl-oġħla standards ta' ċibersigurtà*** li tappoġġa ***l-komunikazzjonijiet*** bejn l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni.

Or. en

Emenda 1520
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jistabbilixxi u jżomm sistema waħda ***jew aktar*** affidabbli u sigura ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni li tappoġġa ***l-komunikazzjoni*** bejn l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni***, il-Kummissjoni***, iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni.	2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jistabbilixxi u jżomm sistema waħda affidabbli u sigura ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni li tappoġġa ***l-komunikazzjonijiet*** bejn l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni.

Or. en

Emenda 1521
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jistabbilixxi u jżomm sistema waħda jew aktar affidabbli u sigura ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni li tappoġġa ***l-komunikazzjoni*** bejn l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni.	2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jistabbilixxi u jżomm sistema waħda jew aktar affidabbli u sigura ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni li tappoġġa ***l-komunikazzjonijiet*** bejn l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru tal-UE***, il-hotlines***, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni.

Or. en

Emenda 1522
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji	3. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji

rilevanti oħrajn tal-Unjoni u l-forniturи ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għandhom jużaw is-sistemi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni msemmijin fil-paragrafu 2 għall-komunikazzjonijiet rilevanti kollha skont dan ir-Regolament.	rilevanti oħrajn tal-Unjoni u l-forniturи ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għandhom jużaw is-sistemi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni msemmijin fil-paragrafu 2 għall-komunikazzjonijiet rilevanti kollha skont dan ir-Regolament. ***Ir-Regolament (UE) [Pjattaforma ta' kollaborazzjoni online tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta] għandu japplika mutatis mutandis.***

Or. en

Emenda 1523
Loránt Vincze, Miriam Lexmann, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u l-forniturи ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għandhom jużaw is-sistemi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni msemmijin fil-paragrafu 2 għall-komunikazzjonijiet rilevanti kollha skont dan ir-Regolament.	3. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru tal-UE, ***il-hotlines,*** aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u l-forniturи ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għandhom jużaw is-sistemi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni msemmijin fil-paragrafu 2 għall-komunikazzjonijiet rilevanti kollha skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1524
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, ***il-Kummissjoni,*** iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u l-forniturи ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-	3. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u l-forniturи ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għandhom

informazzjoni għandhom jużaw ***is-sistemi*** ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni ***msemmijin*** fil-paragrafu 2 għall-komunikazzjonijiet rilevanti kollha skont dan ir-Regolament.	jużaw ***is-sistema*** ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni ***msemmija*** fil-paragrafu 2 għall-komunikazzjonijiet rilevanti kollha skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1525
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta ċ-Ċentru tal-UE jirċievi rapport minn hotline, jew meta fornitur li ssottometta r-rapport liċ-Ċentru tal-UE jkun indika li r-rapport huwa bbażat fuq l-informazzjoni riċevuta minn hotline, iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkoordina mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni rilevanti sabiex jiġi evitat rapportar duplikat dwar l-istess materjal li diġà jkun ġie rrapportat lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi mill-hotlines u jimmonitorja t-tneħħija tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew jikkoopera mal-hotline rilevanti biex isegwi l-istatus.

Or. en

Emenda 1526
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 39a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 39a

Indipendenza

Il-Kummissjoni għandha tiżgura fl-abbozz ġenerali tal-baġit tal-Unjoni li l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jiġu pprovduti b'riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji, uffiċċji u infrastruttura suffiċjenti neċessarji għat-twettiq effettiv tal-kompiti tagħhom u l-eżerċitar tas-setgħat tagħhom skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1527
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Kapitolu IV – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
IV ĊENTRU ***TAL-UE*** GĦALL-PREVENZJONI TAL-ABBUŻ SESSWALI TAT-TFAL U GĦALL-ĠLIEDA KONTRA DAN	IV ĊENTRU ***KONĠUNT*** GĦALL-PREVENZJONI TAL-ABBUŻ SESSWALI TAT-TFAL U GĦALL-ĠLIEDA KONTRA DAN

Or. en

Emenda 1528
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Kapitolu IV – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
IV ĊENTRU TAL-UE ***GĦALL-PREVENZJONI TAL-ABBUŻ SESSWALI TAT-TFAL U GĦALL-ĠLIEDA KONTRA DAN***	IV ĊENTRU TAL-UE ***GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TFAL***

Or. en

Emenda 1529
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-istabbiliment u l-ambitu tal-azzjoni taċ-Ċentru ***tal-UE***	L-istabbiliment u l-ambitu tal-azzjoni taċ-Ċentru ***Konġunt***

Or. en

Emenda 1530
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Hija stabbilita Aġenzija ***tal-Unjoni Ewropea*** għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan, iċ-Ċentru ***tal-UE*** għall-Ġlieda kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal.	1. Hija stabbilita Aġenzija ***intergovernattiva*** għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan, iċ-Ċentru ***Konġunt*** għall-Ġlieda kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal.

Or. en

Emenda 1531
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Hija stabbilita Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali*** tat-tfal u ***għall-ġlieda kontra dan, iċ-Ċentru tal-UE għall-Ġlieda kontra l-***	1. Hija stabbilita Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-protezzjoni*** tat-tfal u ***iċ-Ċentru tal-UE għall-Protezzjoni*** tat-Tfal.

Abbuż Sesswali tat-Tfal.

Or. en

Emenda 1532
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Iċ-Ċentru tal-UE jrid ikun kompletament indipendenti mill-Europol.

Or. en

Emenda 1533
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament billi jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar id-detezzjoni, ir-rapportar, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, u l-imblukkar tal-abbuż sesswali tat-tfal online u jiġbor u jikkondividi informazzjoni u għarfien espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn partijiet pubbliċi u privati rilevanti b'rabta mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u mal-ġlieda kontra dan, b'mod partikolari online.	2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament billi jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar id-detezzjoni, ir-rapportar, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, u l-imblukkar tal-abbuż sesswali tat-tfal online u jiġbor u jikkondividi informazzjoni u għarfien espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn partijiet pubbliċi u privati rilevanti b'rabta mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u mal-ġlieda kontra dan, b'mod partikolari online. ***Il-kompetenza u s-setgħat tiegħu ma għandhomx jiġu estiżi mingħajr valutazzjoni minn qabel u deċiżjoni unanima mill-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 1534
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru ***tal-UE*** għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament billi jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar id-detezzjoni, ir-rapportar, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, u l-imblukkar tal-abbuż sesswali tat-tfal online u jiġbor u jikkondividi informazzjoni u għarfien espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn partijiet pubbliċi u privati rilevanti b'rabta mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u mal-ġlieda kontra dan, b'mod partikolari online.	2. Iċ-Ċentru ***Konġunt*** għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament billi jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar id-detezzjoni, ir-rapportar, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, u l-imblukkar tal-abbuż sesswali tat-tfal online u jiġbor u jikkondividi informazzjoni u għarfien espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn partijiet pubbliċi u privati rilevanti b'rabta mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u mal-ġlieda kontra dan, b'mod partikolari online.

Or. en

Emenda 1535
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament billi jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar id-detezzjoni, ir-rapportar***, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, u l-imblukkar tal-abbuż*** sesswali tat-tfal	2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament billi jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar id-detezzjoni, ir-rapportar ***u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż*** sesswali tat-tfal u jiġbor u jikkondividi informazzjoni u għarfien

online u jiġbor u jikkondividi informazzjoni u għarfien espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn partijiet pubbliċi u privati rilevanti b'rabta mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u mal-ġlieda kontra dan, b'mod partikolari online.

espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn partijiet pubbliċi u privati rilevanti b'rabta mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u mal-ġlieda kontra dan, b'mod partikolari online.

Or. en

Emenda 1536
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq ***tal-objettiv*** ta' dan ir-Regolament billi jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar ***id-detezzjoni,*** ir-rapportar***, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, u l-imblukkar*** tal-abbuż sesswali tat-tfal online u jiġbor u jikkondividi informazzjoni u għarfien espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn partijiet pubbliċi u privati rilevanti b'rabta mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u mal-ġlieda kontra dan, b'mod partikolari online.	2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq ***tal-objettivi*** ta' dan ir-Regolament billi jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar ir-rapportar ***u t-tneħħija*** tal-abbuż sesswali tat-tfal online u jiġbor u jikkondividi informazzjoni***, materjal edukattiv, prattiki tajba*** u għarfien espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn partijiet pubbliċi u privati rilevanti b'rabta mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u mal-ġlieda kontra dan, b'mod partikolari online.

Or. en

Emenda 1537
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-Ċentru ***tal-UE*** għandu jkun korp ***tal-Unjoni*** b'personalità ġuridika.	1. Iċ-Ċentru ***Konġunt*** għandu jkun korp ***intergovernattiv*** b'personalità ġuridika ***fi Stat Membru***.

Or. en

Emenda 1538
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'kull wieħed mill-Istati Membri, iċ-Ċentru tal-UE għandu ***jgawdi l-aktar kapaċità ġuridika estensiva mogħtija lil persuni ġuridiċi skont il-liġijiet tagħhom. B'mod partikolari***, ***jista'*** jikseb u jiddisponi minn beni mobbli u immobbli u jkun parti għal proċedimenti ġudizzjarji.	2. F'kull wieħed mill-Istati Membri, iċ-Ċentru tal-UE għandu ***jikkonforma mal-liġijiet tagħhom u jirrispettahom. Jista', bil-kunsens tal-Istat Membru kkonċernat***, jikseb u jiddisponi minn beni mobbli u immobbli u jkun parti għal proċedimenti ġudizzjarji.

Or. en

Emenda 1539
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sede taċ-Ċentru ***tal-UE*** għandha ***tkun The Hague, in-Netherlands.***	***L-għażla tal-post tas-sede*** taċ-Ċentru ***Konġunt*** għandha ***ssir f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, abbażi tal-kriterji li ġejjin:*** ***(a) ma għandhiex taffettwa l-eżekuzzjoni min-naħa taċ-Ċentru tal-kompiti u tas-setgħat tiegħu, l-organizzazzjoni tal-istruttura ta' governanza tiegħu, l-operat tal-organizzazzjoni prinċipali tiegħu, jew il-finanzjament prinċipali tal-attivitajiet tiegħu;*** ***(b) għandha tiżgura li ċ-Ċentru jkun jista' jirrekluta l-persunal bi kwalifiki għoljin u speċjalizzat li jeħtieġ biex iwettaq il-kompiti u jeżerċita s-setgħat mogħtija minn dan ir-Regolament;***

(c) għandha tiżgura li dan ikun jista' jiġi stabbilit fuq il-post mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(d) għandha tiżgura aċċessibilità xierqa tal-post, l-eżistenza ta' faċilitajiet edukattivi adegwati għat-tfal tal-membri tal-persunal, aċċess xieraq għas-suq tax-xogħol, sigurtà soċjali u kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi;

(da) għandha tiżgura distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-aġenziji tal-UE fl-Unjoni kollha;

(db) għandha tiżgura li l-qafas nazzjonali fil-qasam tal-abbuż sesswali tat-tfal ikun ta' kwalità murija bil-provi u ta' reputazzjoni tajba, u għandha tislet vantaġġ mill-esperjenza tal-awtoritajiet nazzjonali;

(dc) għandha tippermetti opportunitajiet ta' taħriġ adegwati fl-attivitajiet għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;

(dd) għandha tippermetti kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, iżda għandha tkun indipendenti minnhom kollha;

(de) għandha tiżgura s-sostenibbiltà kif ukoll il-konnettività u s-sigurtà diġitali fir-rigward tal-infrastrutturi fiżiċi u tal-IT u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Or. en

Emenda 1540
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sede taċ-Ċentru tal-UE għandha tkun ***The Hague, in-Netherlands***.	Is-sede taċ-Ċentru tal-UE għandha tkun ***[...]***

L-għażla tal-post tas-sede taċ-Ċentru tal-UE se ssir f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, abbażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) ma għandhiex taffettwa l-eżekuzzjoni min-naħa taċ-Ċentru tal-UE tal-kompiti u tas-setgħat tiegħu, l-organizzazzjoni tal-istruttura ta' governanza tiegħu, l-operat tal-organizzazzjoni prinċipali tiegħu, jew il-finanzjament prinċipali tal-attivitajiet tiegħu;

(b) għandha tiżgura li ċ-Ċentru tal-UE jkun jista' jirrekluta l-persunal bi kwalifiki għoljin u speċjalizzat li jeħtieġ biex iwettaq il-kompiti u jeżerċita s-setgħat mogħtija minn dan ir-Regolament;

(c) għandha tiżgura li dan ikun jista' jiġi stabbilit fuq il-post mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(d) għandha tiżgura aċċessibilità xierqa tal-post, l-eżistenza ta' faċilitajiet edukattivi adegwati għat-tfal tal-membri tal-persunal, aċċess xieraq għas-suq tax-xogħol, sigurtà soċjali u kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi;

(da) għandha tiżgura distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-aġenziji tal-UE fl-Unjoni kollha;

(db) għandha tiżgura li l-qafas nazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal ikun ta' kwalità murija bil-provi u ta' reputazzjoni tajba, u għandha tislet vantaġġ mill-esperjenza tal-awtoritajiet nazzjonali;

(dd) għandha tippermetti li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet, mal-korpi u mal-aġenziji tal-UE;

(de) għandha tiżgura l-konnettività u s-sigurtà diġitali fir-rigward tal-infrastrutturi fiżiċi u tal-IT u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Or. en

Emenda 1541
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sede taċ-Ċentru tal-UE għandha ***tkun The Hague, in-Netherlands.***	***L-għażla tal-post tas-sede*** taċ-Ċentru tal-UE għandha ***ssir f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, abbażi tal-kriterji li ġejjin:*** ***(a) ma għandhiex taffettwa l-eżekuzzjoni miċ-Ċentru tal-UE tal-kompiti tiegħu jew l-organizzazzjoni tal-istruttura ta' governanza tiegħu;*** ***(b) għandha tiżgura li ċ-Ċentru jkun jista' jirrekluta l-persunal bi kwalifiki għoljin u speċjalizzat li jeħtieġ biex iwettaq il-kompiti u jeżerċita s-setgħat mogħtija minn dan ir-Regolament;*** ***(c) għandha tiżgura li dan ikun jista' jiġi stabbilit fuq il-post mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;*** ***(d) għandha tiżgura aċċessibilità xierqa tal-post, l-eżistenza ta' faċilitajiet edukattivi adegwati għat-tfal tal-membri tal-persunal, aċċess xieraq għas-suq tax-xogħol, sigurtà soċjali u kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi;*** ***(e) għandha tippermetti li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet, mal-korpi u mal-aġenziji tal-UE;*** ***(f) għandha tiżgura s-sostenibbiltà kif ukoll il-konnettività u s-sigurtà diġitali fir-rigward tal-infrastrutturi fiżiċi u tal-IT u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.***

Or. en

Emenda 1542
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sede taċ-Ċentru tal-UE għandha ***tkun The Hague, in-Netherlands***.	***. L-għażla tal-post tas-sede*** taċ-Ċentru tal-UE għandha ***ssir f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja***. ***Il-kriterja li ġejjin għandhom b'mod partikolari jiġu rrispettati meta jiġu vvalutati l-għażliet possibbli tal-post tas-sede taċ-Ċentru tal-UE:*** ***(a) ma għandhiex taffettwa l-eżekuzzjoni miċ-Ċentru tal-UE tal-kompiti tiegħu jew l-organizzazzjoni tal-istruttura ta' governanza tiegħu;*** ***(b) ma għandhiex tikkomprommetti l-indipendenza tiegħu fir-rigward tal-Istati Membri tal-UE jew tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Europol;*** ***(c) għandha tiżgura distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-aġenziji tal-UE fl-Unjoni kollha;***

Or. en

Emenda 1543
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sede taċ-Ċentru tal-UE għandha tkun ***The Hague, in-Netherlands***.	Is-sede taċ-Ċentru tal-UE għandha tkun ***Bratislava, is-Slovakkja***.

Or. en

Emenda 1544
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sede taċ-Ċentru tal-UE għandha tkun The Hague, in-Netherlands.	***Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-sede tiegħu fi […]***

Or. en

Emenda 1545
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
43 Kompiti taċ-Ċentru tal-UE	43 Kompiti taċ-Ċentru tal-UE ***għall-Protezzjoni tat-Tfal***

Or. en

Emenda 1546
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1 L-objettiv tal-Aġenzija għandu jkun li tipprovdi lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji u lill-aġenziji rilevanti tal-UE u lill-Istati Membri tagħha kif ukoll lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà

ċivili u lill-korpi tar-riċerka meta jkunu involuti fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE b'assistenza, għarfien espert u koordinazzjoni fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, sabiex tappoġġahom meta jieħdu miżuri jew jifformulaw azzjonijiet fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali

Or. en

Emenda 1547
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 1 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jappoġġa lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-linji gwida msemmijin fl-Artikolu ***3(8)***, fl-Artikolu 4(5)***, fl-Artikolu 6(4)*** u fl-Artikolu 11, inkluż billi jiġbor u jipprovdi informazzjoni, għarfien espert u l-aħjar prattiki rilevanti, filwaqt li jqis il-pariri mill-Kumitat tat-Teknoloġija ***msemmi*** fl-Artikolu 66;	(a) jappoġġa lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-linji gwida msemmijin fl-Artikolu ***3(6)***, fl-Artikolu 4(5) u fl-Artikolu 11, inkluż billi jiġbor u jipprovdi informazzjoni, għarfien espert u l-aħjar prattiki rilevanti, filwaqt li jqis il-pariri mill-Kumitat tat-Teknoloġija ***u mill-Bord Konsultattiv tas-Superstiti msemmijin*** fl-Artikolu 66 ***u fl-Artikolu 66a (ġdid)***;

Or. en

Emenda 1548
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 1 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) jappoġġa lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-linji gwida msemmijin fl-Artikolu 3(8), fl-Artikolu 4(5)***, fl-Artikolu 6(4)*** u fl-Artikolu 11, inkluż billi jiġbor u jipprovdi informazzjoni, għarfien espert u l-aħjar prattiki rilevanti, filwaqt li jqis il-pariri mill-Kumitat tat-Teknoloġija msemmi fl-Artikolu 66;	(a) jappoġġa lill-Kummissjoni ***u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*** fit-tħejjija tal-linji gwida msemmijin fl-Artikolu 3(8), fl-Artikolu 4(5) u fl-Artikolu 11, inkluż billi jiġbor u jipprovdi informazzjoni, għarfien espert u l-aħjar prattiki rilevanti, filwaqt li jqis il-pariri mill-Kumitat tat-Teknoloġija msemmi fl-Artikolu 66;

Or. en

Emenda 1549
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 1 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***jappoġġa lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-linji*** gwida msemmijin fl-Artikolu 3(8), fl-Artikolu 4(5)***, fl-Artikolu 6(4)*** u fl-Artikolu ***11***, inkluż billi jiġbor u jipprovdi informazzjoni, għarfien espert u l-aħjar prattiki rilevanti, filwaqt li jqis il-pariri mill-Kumitat tat-Teknoloġija msemmi fl-Artikolu 66;	(a) ***iħejji l-linji*** gwida msemmijin fl-Artikolu 3(8), fl-Artikolu 4(5) u fl-Artikolu ***6(4)***, inkluż billi jiġbor u jipprovdi informazzjoni, għarfien espert u l-aħjar prattiki rilevanti, filwaqt li jqis il-pariri mill-Kumitat tat-Teknoloġija msemmi fl-Artikolu 66;

Or. en

Emenda 1550
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 1 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fuq talba minn fornitur ta' servizzi tal-informazzjoni rilevanti, jipprovdi analiżi ta' kampjuni ta' data anonimizzata għall-iskop imsemmi fl-Artikolu 3(3);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1551
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 1 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fuq talba minn fornitur ta' servizzi tal-informazzjoni rilevanti, jipprovdi analiżi ta' kampjuni ta' data anonimizzata għall-iskop imsemmi fl-Artikolu 3(3);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1552
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) kontijiet operattivi, inklużi kontijiet ta' tfal, fuq servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri u disponibbli għall-pubbliku u rapportar ta' sejbiet rilevanti dwar ir-riskju ta' sollečitazzjoni tat-tfal lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment; meta č-Čentru jsir jaf dwar abbuż sesswali tat-tfal online potenzjali, l-Artikolu 48(3) ta' dan ir-Regolament għandu japplika mutatis mutandis;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-risk ta' grooming tat-tfal jista' jiġi mmonitorajt billi jiġu operati kontijiet attaparsi tat-tfal permezz ta' servizzi ta' komunikazzjoni u billi jiġu rrapportati s-sejbiet rilevanti lill-awtorità

kompetenti għas-superviżjoni tal-miżuri speċifiċi meħuda mill-fornitur. Dan l-approċċ jista' jkollu wkoll effett ta' deterrent għas-sollecitazzjoni tat-tfal. Il-kompitu ta' kontijiet operattivi għall-monitoraġġ tar-riskju ma jinkludix l-inċitament ta' reati kriminali.

Emenda 1553
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Theresa Bielowski

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) jiffaċilita l-proċess ta' detezzjoni msemmi fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu II, billi:	***imħassar***
(a) jipprovdi l-opinjonijiet dwar l-ordnijiet ta' detezzjoni maħsubin imsemmijin fl-Artikolu 7(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d);	
(b) iżomm u jopera l-bażijiet tad-data tal-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 44;	
(c) jagħti aċċess lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li rċivew ordni ta' detezzjoni għall-bażijiet tad-data rilevanti tal-indikaturi f'konformità mal-Artikolu 46;	
(d) iqiegħed teknoloġiji għad-dispożizzjoni tal-fornituri għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' detezzjoni maħruġin lilhom, f'konformità mal-Artikolu 50(1);	

Or. en

Emenda 1554
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) jiffaċilita l-proċess ta' detezzjoni msemmi fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu II,	***imħassar***

billi:

(a) jipprovdi l-opinjonijiet dwar l-ordnijiet ta' detezzjoni maħsubin imsemmijin fl-Artikolu 7(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (d);

(b) iżomm u jopera l-bażijiet tad-data tal-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 44;

(c) jagħti aċċess lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li rċivew ordni ta' detezzjoni għall-bażijiet tad-data rilevanti tal-indikaturi f'konformità mal-Artikolu 46;

(d) iqiegħed teknoloġiji għad-dispożizzjoni tal-fornituri għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' detezzjoni maħruġin lilhom, f'konformità mal-Artikolu 50(1);

Or. en

Emenda 1555
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 2 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) iżomm u jopera l-bażijiet tad-data tal-indikaturi ***msemmijin fl-Artikolu 44***;	(b) iżomm u jopera l-bażijiet tad-data tal-indikaturi ***ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal***;

Or. en

Emenda 1556
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament

Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 2 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jagħti aċċess lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li rċivew ordni ta' detezzjoni għall-bażijiet tad-data rilevanti tal-indikaturi f'konformità mal-Artikolu 46;	(c) jagħti aċċess lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** li rċivew ordni ta' detezzjoni għall-bażijiet tad-data rilevanti tal-indikaturi f'konformità mal-Artikolu 46;

Or. en

Emenda 1557
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 2 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jagħti aċċess lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li rċivew ordni ta' detezzjoni għall-bażijiet tad-data rilevanti tal-indikaturi f'konformità mal-Artikolu 46;	(c) jagħti aċċess lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** li rċivew ordni ta' detezzjoni għall-bażijiet tad-data rilevanti tal-indikaturi f'konformità mal-Artikolu 46;

Or. en

Emenda 1558
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) jiffaċilita l-proċess ta' tneħħija msemmi fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu II ***u l-proċessi l-oħrajn imsemmijin fit-Taqsimiet 5 u 6 ta' dak il-Kapitolu,*** billi:	(4) jiffaċilita l-proċess ta' tneħħija msemmi fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu II billi:

Or. en

Emenda 1559
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) jiffaċilita l-proċess ta' tneħħija msemmi fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu II u l-proċessi l-oħrajn imsemmijin ***fit-Taqsimiet 5 u*** 6 ta' dak il-Kapitolu, billi:	(4) jiffaċilita l-proċess ta' tneħħija msemmi fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu II u l-proċessi l-oħrajn imsemmijin ***fit-Taqsima*** 6 ta' dak il-Kapitolu, billi:

Or. en

Emenda 1560
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 4 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jikkoopera mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u jwieġeb għat-talbiet tagħhom b'rabta mal-ordnijiet ta' mblukkar maħsubin kif imsemmi fl-Artikolu 16(2);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1561
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 4 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jikkoopera mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u jwieġeb għat-talbiet tagħhom b'rabta mal-ordnijiet ta' mblukkar maħsubin kif imsemmi fl-Artikolu 16(2);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1562
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 4 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jikkoopera mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u jwieġeb għat-talbiet tagħhom b'rabta mal-ordnijiet ta' mblukkar maħsubin kif imsemmi fl-Artikolu 16(2);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1563
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 4 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jirċievi u jipproċessa l-ordnijiet ta' mblukkar trażmessi lilu skont l-Artikolu 17(3);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1564
René Repasi, Tiemo Wölken

f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 4 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jirċievi u jipproċessa l-ordnijiet ta' mblukkar tażmessi lilu skont l-Artikolu 17(3);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1565
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 4 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jirċievi u jipproċessa l-ordnijiet ta' mblukkar tażmessi lilu skont l-Artikolu 17(3);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1566
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 4 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jipprovdi informazzjoni u appoġġ ***lill-vittmi*** f'konformità mal-Artikoli 20 u 21;	(d) jipprovdi informazzjoni u appoġġ ***lis-superstiti*** f'konformità mal-Artikoli 20 u 21;

Or. en

Emenda 1567
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) iwettaq tfittix proattiv ta' kontenut aċċessibbli għall-pubbliku fuq servizzi ta' hosting għal materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal f'konformità mal-Artikolu 49;

Or. en

Emenda 1568
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) jappoġġa lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni ***u lill-Kummissjoni*** fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament u jiffaċilita l-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni b'rabta ma' kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, billi:	(5) jappoġġa lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament u jiffaċilita l-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni b'rabta ma' kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, billi:

Or. en

Emenda 1569
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 43 - paragrafu 1 - punt 5 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(c) jassisti lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, b'rabta mal-kompiti tagħha taħt il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni msemmi fl-Artikolu 37;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1570
	8a. Meta ċ-Ċentru tal-UE jirċievi rapport minn hotline, jew meta fornitur li jkun issottometta rapport liċ-Ċentru tal-UE jkun indika li r-rapport huwa bbażat fuq informazzjoni li jkun irċieva minn hotline, iċ-Ċentru tal-UE għandu:
	(a) jevita li jgħaddi r-rapport lill-awtorità jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kompetenti sabiex jevita r-rapportar doppju tal-istess materjal li jkun diġà ġie rrapportat lil awtorità tal-infurzar tal-liġi nazzjonali mill-hotlines;
	(b) jimmonitorja t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew jikkoopera mal-hotline rilevanti sabiex isegwi l-istatus ta' din it-tneħħija.

Or. en

Emenda 1682
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Iċ-Ċentru tal-UE ma għandux iżomm data personali li tkun fir-rapporti li jirċievi għal perijodu itwal minn jumejn

ta' xogħol. Dan il-perijodu jista' jiġi estiż b'sa ġimgħa meta ġġustifikat u ddokumentat kif xieraq.

Or. en

Emenda 1683
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jżomm reġistrazzjonijiet għal kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' pproċessar li ġejjin fis-sistemi ta' pproċessar awtomatizzat: il-ġbir, il-bdil, l-aċċess, il-konsultazzjoni, l-iżvelar, il-kombinament u t-tħassir ta' data personali. Ir-reġistrazzjonijiet tal-konsultazzjoni u d-divulgazzjoni għandhom jagħmluha possibbli li jiġu stabbiliti l-ġustifikazzjoni għal tali operazzjonijiet u d-data u l-ħin tagħhom, l-identifikazzjoni tal-persuna li tkun ikkonsultat jew żvelat id-data personali operazzjonali, u, sa fejn possibbli, l-identità tar-riċevituri. Ir-reġistrazzjonijiet għandhom jintużaw għall-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-data, l-awtomonitoraġġ u sabiex jiġu żgurati l-integrità u s-sigurtà. Dawn ir-reġistrazzjonijiet għandhom ikunu disponibbli għall-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data taċ-Ċentru tal-UE u għall-EDPS fuq talba. Tali reġistrazzjonijiet għandhom jitħassru wara tliet snin, sakemm ma jkunux rikjesti għal kontroll kontinwu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Opinjoni tal-EDPS-EDPB, il-paragrafu 116

Emenda 1684
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 49	***imħassar***
Tfittxijiet u notifika	
1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jwettaq tfittxijiet fuq servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal aċċessibbli għall-pubbliku, billi juża l-indikaturi rilevanti mill-bażi tad-data tal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (a) u (b), fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:	
(a) meta jintalab jagħmel hekk sabiex jgħin lil vittma billi jivverifika jekk il-fornitur ta' servizzi ta' hosting neħħiex jew iddiżattivax l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li fih tidher il-vittma, f'konformità mal-Artikolu 21(4), il-punt (c);	
(b) meta jintalab hekk sabiex jassisti lil Awtorità ta' Koordinazzjoni billi jivverifika l-ħtieġa possibbli għall-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni jew ta' ordni ta' tneħħija fir-rigward ta' servizz speċifiku jew tal-effettività ta' ordni ta' detezzjoni jew ta' ordni ta' tneħħija li tkun ħarġet l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 25(7), il-punti (c) u (d), rispettivament.	
2.	
Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jinnotifika, wara li jkun wettaq it-tfittxijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting dwar il-preżenza ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom u	

jitlobhom ineħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għal dak l-oġġett jew għal dawk l-oġġetti, għall-kunsiderazzjoni volontarja tal-fornituri.

It-talba għandha tistabbilixxi b'mod ċar id-dettalji ta' identifikazzjoni taċ-Ċentru tal-UE u ta' punt ta' kuntatt, l-informazzjoni neċessarja għall-identifikazzjoni tal-oġġett jew tal-oġġetti, kif ukoll ir-raġunijiet għat-talba. It-talba għandha tiddikjara b'mod ċar ukoll li tkun għall-kunsiderazzjoni volontarja tal-fornitur.

3. Meta jintalab hekk minn awtorità kompetenti tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru sabiex jiġi evitat li jkun hemm interferenza fl-attivitajiet għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal, iċ-Ċentru tal-UE ma għandux jissottometti avviż, għaż-żmien kollu neċessarju sabiex tiġi evitata tali interferenza iżda mhux għal aktar minn 18-il xahar.

Or. en

Emenda 1685
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jwettaq tfittxijiet fuq servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal aċċessibbli għall-pubbliku, ***billi juża l-indikaturi rilevanti mill-bażi tad-data tal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (a) u (b),*** fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:	1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jwettaq tfittxijiet fuq servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal aċċessibbli għall-pubbliku, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 1686
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jwettaq tfittxijiet fuq servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal aċċessibbli għall-pubbliku, billi juża l-indikaturi rilevanti mill-bażi tad-data tal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 44(1), ***il-punti (a) u (b)***, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:	1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jwettaq tfittxijiet fuq servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal aċċessibbli għall-pubbliku, billi juża l-indikaturi rilevanti mill-bażi tad-data tal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 44(1), ***il-punt (a)***, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 1687
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jwettaq tfittxijiet fuq servizzi ta' hosting ***għad-disseminazzjoni*** ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***aċċessibbli għall-pubbliku***, billi juża l-indikaturi rilevanti mill-bażi tad-data tal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 44(1), ***il-punti (a) u (b)***, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:	1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jwettaq tfittxijiet ***ta' kontenut aċċessibbli għall-pubbliku*** fuq servizzi ta' hosting ta' materjal ***magħruf*** ta' abbuż sesswali tat-tfal, billi juża l-indikaturi rilevanti mill-bażi tad-data tal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 44(1), ***il-punt (a)***, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 1688
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta jintalab jagħmel hekk sabiex jgħin lil ***vittma*** billi jivverifika jekk il-fornitur ta' servizzi ta' hosting neħħiex ***jew iddiżattivax l-aċċess għal*** oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li fih ***tidher il-vittma***, f'konformità mal-Artikolu 21(4), il-punt (c);	(a) meta jintalab jagħmel hekk sabiex jgħin lil ***superstitu*** billi jivverifika jekk il-fornitur ta' servizzi ta' hosting neħħiex oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li fih ***jidher is-superstitu***, f'konformità mal-Artikolu 21(4), il-punt (c);

Or. en

Emenda 1689
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta jintalab hekk sabiex jassisti lil Awtorità ta' Koordinazzjoni billi jivverifika l-ħtieġa possibbli ***għall-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni jew ta'*** ordni ta' tneħħija fir-rigward ta' servizz speċifiku jew tal-effettività ***ta' ordni ta' detezzjoni jew*** ta' ordni ta' tneħħija li tkun ħarġet l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 25(7), il-punti (c) u (d), rispettivament.	(b) meta jintalab hekk sabiex jassisti lil Awtorità ta' Koordinazzjoni billi jivverifika l-ħtieġa possibbli ***għal*** ordni ta' tneħħija fir-rigward ta' servizz speċifiku jew tal-effettività ta' ordni ta' tneħħija li tkun ħarġet l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 25(7), il-punti (c) u (d), rispettivament.

Or. en

Emenda 1690
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Rob Rooken, Paul Tang, Karen Melchior, Cristian Terheş

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) b'mod proattiv u fuq inizjattiva tiegħu billi b'mod sistematiku u awtomatiku janalizza u jsegwi lokalizzaturi uniformi tar-riżorsi aċċessibbli għall-pubbliku (crawling tas-siti web).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif imwettaq b'suċċess miċ-Ċentru Kanadiż għall-Protezzjoni tat-Tfal.

Emenda 1691
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jinnotifika, wara li jkun wettaq it-tfittxijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting dwar il-preżenza ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom u jitlobhom ineħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għal dak l-oġġett jew għal dawk l-oġġetti, għall-kunsiderazzjoni volontarja tal-fornituri.	Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jinnotifika, wara li jkun wettaq it-tfittxijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, ***lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni sabiex jitlob ordni ta' tneħħija skont l-Artikolu 14 u*** lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting dwar il-preżenza ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom u jitlobhom ineħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għal dak l-oġġett jew għal dawk l-oġġetti, għall-kunsiderazzjoni volontarja tal-fornituri.

Or. en

Emenda 1692
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jinnotifika, wara li jkun wettaq it-tfittxijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting dwar il-preżenza ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom u jitlobhom ineħħu ***jew jiddiżattivaw l-aċċess għal*** dak l-oġġett jew ***għal*** dawk l-oġġetti, għall-kunsiderazzjoni volontarja tal-fornituri.	Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jinnotifika, wara li jkun wettaq it-tfittxijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting dwar il-preżenza ta' oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom u jitlobhom ineħħu dak l-oġġett jew dawk l-oġġetti, għall-kunsiderazzjoni volontarja tal-fornituri.

Or. en

Emenda 1693
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta ***jintalab hekk minn awtorità kompetenti tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru sabiex jiġi evitat li jkun hemm interferenza fl-attivitajiet għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal***, iċ-Ċentru tal-UE ma għandux ***jissottometti avviż, għaż-żmien kollu*** neċessarju ***sabiex tiġi evitata tali interferenza iżda mhux għal aktar minn 18-il xahar***.	3. Meta ***huwa neċessarju u proporzjonat sabiex jiġu ssalvagwardjati l-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal f'każ speċifiku u meta mitlub minn awtorità tal-infurzar tal-liġi kompetenti ta' Stat Membru***, iċ-Ċentru tal-UE ma għandux ***jibgħat notifika. Dan in-nuqqas ta' sottomissjoni għandu jkun f'waqtu, limitat għal dak li hu*** neċessarju ***u proporzjonat f'soċjetà demokratika b'kunsiderazzjoni xierqa tad-drittijiet fundamentali u l-interessi leġittimi tal-persuni fiżiċi kkonċernati u f'kwalunkwe każ ma għandhomx jinqabżu l-4 xhur***.

Or. en

Emenda 1694
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-teknoloġiji, l-informazzjoni u l-għarfien espert	L-informazzjoni u l-għarfien espert

Or. en

Emenda 1695
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħmel disponibbli teknoloġiji li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali jistgħu jakkwistaw, jinstallaw u joperaw, mingħajr ħlas, fejn rilevanti soġġetti għal kundizzjonijiet ta' liċenzjar raġonevoli, sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1).	***imħassar***
Għal dak l-għan, iċ-Ċentru tal-UE għandu jiġbor listi ta' tali teknoloġiji, filwaqt li jqis ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari dawk tal-Artikolu 10(2).	
Qabel ma jinkludi teknoloġiji speċifiċi f'dawk il-listi, iċ-Ċentru tal-UE għandu jitlob l-opinjoni tal-Kumitat tat-Teknoloġija tiegħu u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jagħtu l-opinjonijiet rispettivi tagħhom fi żmien tmien ġimgħat. Dak il-perjodu jista' jiġi	

estiż b'sitt ġimgħat oħrajn, meta jkun neċessarju, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità tas-suġġett. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jinformaw liċ-Ċentru tal-UE bi kwalunkwe estensjoni bħal din fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba għal konsultazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien.

Or. en

Emenda 1696
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħmel disponibbli teknoloġiji li l-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali jistgħu jakkwistaw, jinstallaw u joperaw, mingħajr ħlas, fejn rilevanti soġġetti għal kundizzjonijiet ta' liċenzjar raġonevoli, sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1).	Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħmel disponibbli teknoloġiji li l-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** jistgħu jakkwistaw, jinstallaw u joperaw, mingħajr ħlas, fejn rilevanti soġġetti għal kundizzjonijiet ta' liċenzjar raġonevoli, sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1). ***Iċ-Ċentru tal-UE għandu jipprovdi miżuri ta' mitigazzjoni u l-aħjar prattiki rilevanti li huma b'mod partikolari effettivi fl-identifikazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-forniturі, f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament.***

Or. en

Emenda 1697
Javier Moreno Sánchez, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Pietro Bartolo, Hilde Vautmans, Antonio López-Istúriz White, Milan Brglez, Heléne Fritzon, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Carina Ohlsson, Caterina Chinnici, Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħmel disponibbli ***teknoloġiji li l-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali jistgħu jakkwistaw, jinstallaw u joperaw, mingħajr ħlas, fejn rilevanti soġġetti għal kundizzjonijiet ta' liċenzjar raġonevoli, sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1).***	Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħmel disponibbli***:***
	(i) teknoloġiji li l-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali jistgħu jakkwistaw, jinstallaw u joperaw, mingħajr ħlas, fejn rilevanti soġġetti għal kundizzjonijiet ta' liċenzjar raġonevoli, sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1).
	(ii) teknoloġiji li l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika b'kriptaġġ minn tarf sa tarf jistgħu jakkwistaw, jinstallaw u joperaw, mingħajr ħlas, fejn rilevanti soġġetti għal kundizzjonijiet ta' liċenzjar raġonevoli, sabiex jadottaw il-miżuri ta' sigurtà imposti fuqhom mill-Artikolu 7(3)(a).

Or. en

Emenda 1698
Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Abir Al-Sahlani, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħmel disponibbli teknoloġiji li l-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali jistgħu jakkwistaw, jinstallaw u joperaw, mingħajr ħlas, fejn rilevanti soġġetti għal kundizzjonijiet ta' liċenzjar raġonevoli, sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1).	Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħmel disponibbli teknoloġiji li l-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali jistgħu jakkwistaw, jinstallaw u joperaw, mingħajr ħlas, fejn rilevanti soġġetti għal kundizzjonijiet ta' liċenzjar raġonevoli, sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) ***dwar l-attivitajiet online ta' persuni ssuspettati li kienu involuti f'abbuż sesswali tat-tfal u persuni pprojbiti milli jwettqu attivitajiet li jinvolvu t-tfal***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-opinjoni 8787/23 tas-servizz legali tal-Kunsill, jekk il-Kunsill kellu jiddeċiedi li jżomm il-komunikazzjonijiet interpersonali fil-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim tal-ordni ta' detezzjoni, ir-reġim għandu jkun immirat b'tali mod li japplika għal persuni li fil-konfront tagħhom ikun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li huma b'xi mod involuti f'reat ta' abbuż sesswali tat-tfal, iwettqu jew wettqu reat ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew għandhom konnessjoni, tal-inqas indirettament, mat-twettiq ta' reati ta' abbuż sesswali.

Emenda 1699
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħmel disponibbli teknoloġiji li l-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali jistgħu jakkwistaw, jinstallaw u joperaw, mingħajr ħlas, fejn rilevanti soġġetti għal kundizzjonijiet ta' liċenzjar raġonevoli, sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1).	Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħmel disponibbli teknoloġiji li l-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** jistgħu jakkwistaw, jinstallaw u joperaw, mingħajr ħlas, fejn rilevanti soġġetti għal kundizzjonijiet ta' liċenzjar raġonevoli, sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1).

Or. en

Emenda 1700
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Iċ-Ċentru tal-UE għandu jipprovdi miżuri ta' mitigazzjoni u l-aħjar prattiki rilevanti li huma b'mod partikolari effettivi fl-identifikazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jirriżultaw mit-tħaddim tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-forniturі, f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li skont l-Artikolu 50 tal-Proposta, iċ-Ċentru tal-UE għandu l-kompitu li jispeċifika l-lista ta' teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex jiġu eżegwiti ordnijiet ta' detenzjoni. Madanakollu, skont l-Artikolu 12(1) tal-Proposta, il-forniturі huma obbligati jirrapportaw l-informazzjoni kollha billi jindikaw abbuż sesswali tat-tfal online potenzjali fis-servizzi tagħhom, mhux biss dawk li ġejjin mill-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' detenzjoni. Hemm probabbiltà għolja li ammont sinifikanti ta' din l-informazzjoni tkun ġejja mill-operazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni mill-forniturі, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Proposta. Huwa għaldaqstant kritiku li jiġi ddeterminat x'jistgħu jkunu dawn il-miżuri, l-effettività tagħhom, ir-rata ta' żbalji tagħhom fir-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal potenzjali, u x'impatt għandhom fuq id-drittijiet fundamentali tal-individwi. Minkejja l-fatt li l-Artikolu 4(5) tal-Proposta jindika li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u maċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun twettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida, l-EDPB u l-EDPS jemmnu li huwa importanti li l-leġiżlatur jinkludi fl-Artikolu 50 kompitu għaċ-Ċentru tal-UE biex jipprovdi wkoll lista ta' miżuri ta' mitigazzjoni rrakkomandati u l-aħjar prattiki rilevanti li huma b'mod partikolari effettivi fl-identifikazzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal online potenzjali. Billi dawn il-miżuri jafu jinterferixxu mad-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza, huwa rrakkomandat ukoll li ċ-Ċentru tal-UE jitlob l-opinjoni tal-EDPB qabel ma joħroġ tali lista.

Emenda 1701

Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Abir Al-Sahlani, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak l-għan, iċ-Ċentru tal-UE għandu jiġbor listi ta' tali teknoloġiji, filwaqt li jqis ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari dawk tal-Artikolu 10(2).	Għal dak l-għan, iċ-Ċentru tal-UE għandu jiġbor listi ta' tali teknoloġiji, filwaqt li jqis ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari dawk tal-Artikolu 10(2) ***u l-Artikolu 19a (ġdid)***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Artikolu 19a (ġdid) Rispett għall-Privatezza: Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jiġi interpretat bħala rekwiżit biex 1. tinkiser kriptografija; 2. jiġi skennjat il-kontenut fuq l-apparati tal-utenti; 3. jiġi ristrett l-aċċess anonimu għas-servizzi online u l-applikazzjonijiet tas-software.

Emenda 1702
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma jinkludi teknoloġiji speċifiċi f'dawk il-listi, iċ-Ċentru tal-UE għandu jitlob l-opinjoni tal-Kumitat tat-Teknoloġija tiegħu u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jagħtu l-opinjonijiet rispettivi tagħhom fi żmien tmien ġimgħat. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħrajn, meta jkun neċessarju, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità tas-suġġett. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jinformaw liċ-Ċentru tal-UE bi kwalunkwe estensjoni	Qabel ma jinkludi teknoloġiji speċifiċi f'dawk il-listi, iċ-Ċentru tal-UE għandu jitlob l-opinjoni ***awtoritattiva*** tal-Kumitat tat-Teknoloġija tiegħu u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data***, li għandhom jitqiesu bis-sħiħ***. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jagħtu l-opinjonijiet rispettivi tagħhom fi żmien tmien ġimgħat. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħrajn, meta jkun neċessarju, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità tas-suġġett. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jinformaw

bħal din fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba għal konsultazzjoni, flimkien marraġunijiet għad-dewmien.

liċ-Ċentru tal-UE bi kwalunkwe estensjoni bħal din fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba għal konsultazzjoni, flimkien marraġunijiet għad-dewmien. ***Iċ-Ċentru tal-UE għandu jinforma lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar l-azzjoni li jkun ħa wara l-opinjoni tiegħu, u l-Bord għandu d-dritt li joġġezzjona l-inklużjoni tat-teknoloġija speċifika fil-listi jekk jemmen li l-opinjoni tiegħu ma tkunx tqieset kif xieraq. Din l-opinjoni għandha tingħata minkejja l-valutazzjoni ta' każ b'każ tal-ipproċessar intenzjonat mill-kontrollur rilevanti skont l-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament 2016/679.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Opinjoni tal-EDPS-EDPB, il-paragrafi 108 u 109

Emenda 1703
Javier Zarzalejos

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma jinkludi teknoloġiji speċifiċi f'dawk il-listi, iċ-Ċentru tal-UE għandu jitlob ***l-opinjoni*** tal-Kumitat tat-Teknoloġija tiegħu u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jagħtu l-opinjonijiet rispettivi tagħhom fi żmien tmien ġimgħat. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħrajn, meta jkun neċessarju, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità tas-suġġett. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jinformaw liċ-Ċentru tal-UE bi kwalunkwe estensjoni bħal din fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba għal konsultazzjoni, flimkien mar-	Qabel ma jinkludi teknoloġiji speċifiċi f'dawk il-listi, iċ-Ċentru tal-UE għandu jitlob ***l-opinjonijiet*** tal-Kumitat tat-Teknoloġija ***u l- Forum Konsultattiv tal-Vittmi*** tiegħu u***, fuq talba tal-Kummissjoni, l-opinjoni*** tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jagħtu l-opinjonijiet rispettivi tagħhom fi żmien tmien ġimgħat. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħrajn, meta jkun neċessarju, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità tas-suġġett. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jinformaw liċ-Ċentru tal-UE bi kwalunkwe estensjoni

raġunijiet għad-dewmien.

bħal din fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba għal konsultazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien. ***Meta ċ-Ċentru tal-UE jiddevja sostanzjalment minn dawk l-opinjonijiet, huwa għandu jinforma lill-Kumitat tat-Teknoloġija, lill-Forum Konsultattiv tal-Vittmi jew lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Kummissjoni b'dan, filwaqt li jispeċifika l-punti fejn ikun iddevja u r-raġunijiet ewlenin għal dik id-devjazzjoni.***

Or. en

Emenda 1704
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma jinkludi teknoloġiji speċifiċi f'dawk il-listi, iċ-Ċentru tal-UE għandu jitlob l-opinjoni tal-Kumitat tat-Teknoloġija tiegħu u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jagħtu l-opinjonijiet rispettivi tagħhom fi żmien tmien ġimgħat. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħrajn, meta jkun neċessarju, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità tas-suġġett. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jinformaw liċ-Ċentru tal-UE bi kwalunkwe estensjoni bħal din fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba għal konsultazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien.	Qabel ma jinkludi teknoloġiji speċifiċi f'dawk il-listi, iċ-Ċentru tal-UE għandu jitlob l-opinjoni tal-Kumitat tat-Teknoloġija tiegħu***, tal-Forum Konsultattiv tal-Esperti*** u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jagħtu l-opinjonijiet rispettivi tagħhom fi żmien tmien ġimgħat. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħrajn, meta jkun neċessarju, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità tas-suġġett. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jinformaw liċ-Ċentru tal-UE bi kwalunkwe estensjoni bħal din fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba għal konsultazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien. ***Meta ċ-Ċentru tal-UE jiddevja sostanzjalment minn dawk l-opinjonijiet, huwa għandu jinforma lill-Kumitat tat-Teknoloġija jew lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Kummissjoni***

b'dan, filwaqt li jispeċifika l-punti fejn ikun iddevja u r-raġunijiet ewlenin għad-devjazzjoni.

Or. en

Emenda 1705
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma jinkludi teknoloġiji speċifiċi f'dawk il-listi, iċ-Ċentru tal-UE għandu jitlob l-opinjoni tal-Kumitat tat-Teknoloġija tiegħu u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jagħtu l-opinjonijiet rispettivi tagħhom fi żmien ***tmien*** ġimgħat. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż ***b'sitt ġimgħat oħrajn***, meta jkun neċessarju, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità tas-suġġett. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jinformaw liċ-Ċentru tal-UE bi kwalunkwe estensjoni bħal din fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba għal konsultazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien.	Qabel ma jinkludi teknoloġiji speċifiċi f'dawk il-listi, iċ-Ċentru tal-UE għandu jitlob l-opinjoni tal-Kumitat tat-Teknoloġija tiegħu u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jagħtu l-opinjonijiet rispettivi tagħhom fi żmien ***għaxar*** ġimgħat. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż ***b'12-il ġimgħa oħra***, meta jkun neċessarju, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità tas-suġġett. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jinformaw liċ-Ċentru tal-UE bi kwalunkwe estensjoni bħal din fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba għal konsultazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien.

Or. en

Emenda 1706
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Paul Tang, Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Iċ-Ċentru tal-UE għandu jirrispetta l-pożizzjonijiet u s-sejbiet fl-opinjoni mogħtija mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data qabel teknoloġiji speċifiċi jsiru disponibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Proposta ma tindikax kif se jkompli ċ-Ċentru tal-UE wara li jirċievi l-opinjoni mill-EDPB. Premessa 27 tal-Proposta tindika biss li l-konsulenza mogħtija mill-EDPB għandha tiġi meqjusa miċ-Ċentru tal-UE u mill-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk għandu jiġi ċċarat l-għan li se sservi l-opinjoni mitluba fil-proċess previst fl-Artikolu 50 tal-Proposta u kif iċ-Ċentru tal-UE għandu jaġixxi wara li jirċievi opinjoni mill-EDPB.

Emenda 1707
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiġbor, jirreġistra, janalizza u jagħmel disponibbli informazzjoni rilevanti, oġġettiva, affidabbli u komparabbli dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni u mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, b'mod partikolari:	2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiġbor, jirreġistra, ***jgħaqqad,*** janalizza u jagħmel disponibbli ***b'mod proattiv*** informazzjoni rilevanti, oġġettiva, affidabbli u komparabbli dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni u mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***lil korpi rilevanti, lill-Istati Membri, lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-istituti ta' riċerka rilevanti***, b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 1708
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) informazzjoni miksuba fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament dwar ***id-detezzjoni,*** ir-rapportar***, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, u l-imblukkar materjal ta' abbuż*** sesswali tat-tfal online;	(a) informazzjoni miksuba fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament dwar ir-rapportar ***u t-tneħħija tal-abbuż*** sesswali tat-tfal online;

Or. en

Emenda 1709
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) informazzjoni miksuba fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament dwar id-detezzjoni, ir-rapportar***, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, u l-imblukkar materjal ta' abbuż*** sesswali tat-tfal online;	(a) informazzjoni miksuba fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament dwar id-detezzjoni, ir-rapportar ***u t-tneħħija tal-abbuż*** sesswali tat-tfal online;

Or. en

Emenda 1710
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) informazzjoni miksuba fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament dwar ***id-detezzjoni,*** ir-rapportar, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal***, u l-imblukkar materjal ta'*** abbuż sesswali tat-tfal online;	(a) informazzjoni miksuba fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament dwar ir-rapportar, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal abbuż sesswali tat-tfal online;

Or. en

Emenda 1711
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) informazzjoni li tirriżulta minn riċerka jew minn attivitajiet oħrajn imwettqin mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, minn istituzzjonijiet, minn korpi, minn uffiċċji u minn aġenziji oħrajn tal-Unjoni, mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, minn ċentri ta' riċerka u minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.	(c) informazzjoni li tirriżulta minn riċerka jew minn attivitajiet oħrajn imwettqin mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, minn istituzzjonijiet, minn korpi, minn uffiċċji u minn aġenziji oħrajn tal-Unjoni, mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, minn ċentri ta' riċerka***, hotlines,*** u minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 1712
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) informazzjoni miksuba fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament dwar l-assistenza u l-appoġġ

lill-vittmi.

Or. en

Emenda 1713
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta jkun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE għandu jwettaq, jipparteċipa fi jew jħeġġeġ riċerka, stħarriġ u studji, jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew, fejn xieraq u kompatibbli mal-prijoritajiet tiegħu u mal-programm ta' ħidma annwali tiegħu, fuq it-talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni.	3. Meta jkun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE għandu jwettaq, jipparteċipa fi jew jħeġġeġ riċerka, stħarriġ u studji, jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew, fejn xieraq u kompatibbli mal-prijoritajiet tiegħu u mal-programm ta' ħidma annwali tiegħu, fuq it-talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni. ***Iċ-Ċentru tal-UE għandu jappoġġa lill-Istati Membri u lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni fit-twettiq tar-riċerka, filwaqt li jqis l-ispeċifiċitajiet nazzjonali. L-għarfien miġbur għandu jservi bħala għodda biex jiġu elaborati metodi ta' prevenzjoni adattati u implimentati mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni f'kull Stat Membru.***

Or. en

Emenda 1714
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-eżitu ta' riċerki, stħarriġ jew studji mwettqa jew immexxija miċ-Ċentru tal-UE għandu jkun disponibbli għall-

pubbliku.

Or. en

Emenda 1715
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u l-informazzjoni li tirriżulta mir-riċerka, mill-istħarriġ u mill-istudji msemmijin fil-paragrafu 3, inkluża l-analiżi li jagħmel tagħhom, u l-opinjonijiet tiegħu dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u l-ġlieda kontra dan għal istituzzjonijiet, għal korpi, għal uffiċċji u għal aġenziji oħrajn tal-Unjoni, għal Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, għal awtoritajiet kompetenti oħrajn u għal awtoritajiet pubbliċi oħrajn tal-Istati Membri, jew fuq inizjattiva proprja jew fuq talba tal-awtorità rilevanti. Fejn xieraq, iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1716
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Marcos Ros Sempere, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni u jippromwovi djalogu mal-	5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni u jippromwovi djalogu mal-

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-fornituri ta' servizzi ta' hosting jew ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online u miżuri għall-prevenzjoni tat-tali abbuż u għall-ġlieda kontrih.	organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-fornituri ta' servizzi ta' hosting jew ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online u miżuri għall-prevenzjoni tat-tali abbuż u għall-ġlieda kontrih. ***Il-kampanji ta' komunikazzjoni għandhom jinftiehmu faċilment u jkunu aċċessibbli għat-tfal kollha, il-familji tagħhom u l-edukaturi f'edukazzjoni formali u mhux formali fl-Unjoni, bl-għan li jtejbu l-litteriżmu diġitali u jiżguraw ambjent diġitali sikur għat-tfal. Il-kampanji ta' komunikazzjoni għandhom iqisu d-dimensjoni tal-ġeneru tar-reat.***
	Or. en

Emenda 1717
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni u jippromwovi djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-fornituri ta' servizzi ta' hosting jew ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online u miżuri għall-prevenzjoni tat-tali abbuż u għall-ġlieda kontrih.	5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni u jippromwovi djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-fornituri ta' servizzi ta' hosting jew ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online u miżuri għall-prevenzjoni tat-tali abbuż u għall-ġlieda kontrih. ***Il-kampanji ta' komunikazzjoni għandhom jinftiehmu faċilment u jkunu aċċessibbli għat-tfal kollha, il-familji tagħhom u l-edukaturi f'edukazzjoni formali u mhux formali fl-Unjoni, bl-għan li jtejbu l-litteriżmu diġitali u jrawwem ambjent diġitali sikur għat-tfal.***
	Or. en

Emenda 1718
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu ***jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni u jippromwovi djalogu*** mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-fornituri ta' servizzi ta' hosting jew ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online u miżuri għall-prevenzjoni tat-tali abbuż u għall-ġlieda kontrih.	5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu ***jikkoordina*** mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-fornituri ta' servizzi ta' hosting jew ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online u miżuri għall-prevenzjoni tat-tali abbuż u għall-ġlieda kontrih.

Or. en